**It-Tlieta 12 ta' Ġunju 2018**

P8_TA(2018)0247

# Il-Modernizzazzjoni tal-Edukazzjoni fl-UE

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Ġunju 2018 dwar il-modernizzazzjoni tal-edukazzjoni fl-UE (2017/2224(INI))**

(2020/C 28/02)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Settembru 2011 bit-titlu "Insostnu t-tkabbir u l-impjiegi – aġenda għall-immodernizzar tas-sistemi ta' edukazzjoni għolja fl-Ewropa" (COM(2011)0567),

— wara li kkunsidra d-dritt għall-edukazzjoni kif definit fl-Artikolu 14 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2014 dwar l-edukazzjoni effettiva tal-għalliema ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 2 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2014 dwar l-assigurazzjoni tal-kwalità li tappoġġa l-edukazzjoni u t-taħriġ ([2]),

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2012 dwar il-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali ([3]),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-18 u 19 ta' Mejju 2015 dwar ir-rwol tal-edukazzjoni bikrija tat-tfal u l-edukazzjoni primarja fit-trawwim tal-kreattività, l-innovazzjoni u l-kompetenza diġitali ([4]),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-10 ta' Ġunju 2016 bit-titlu "Aġenda Ġdida għall-Ħiliet għall-Ewropa – Naħdmu flimkien biex insaħħu l-kapital uman, l-impjegabbiltà u l-kompetittività" (COM(2016)0381) u r-riżoluzzjoni tal-Parlament tal-14 ta' Settembru 2017 dwar "Aġenda ġdida għall-ħiliet għall-Ewropa" ([5]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 2 tal-Protokoll għall-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, rigward id-dritt għall-edukazzjoni,

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni 1904 (2012) tal-Kunsill tal-Ewropa dwar id-dritt għal-libertà tal-għażla fl-edukazzjoni,

— wara li kkunsidra r-Rapport Konġunt tal-2015 tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ (ET 2020) bit-titlu "Il-prijoritajiet il-ġodda tal-qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u fit-taħriġ" ([6]),

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1288/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi "Erasmus+": il-programm tal-Unjoni għall-edukazzjoni, taħriġ, żgħażagħ u sport u li jħassar id-Deċiżjonijiet Nru 1719/2006/KE, Nru 1720/2006/KE u Nru 1298/2008/KE ([7]),

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni ta' Pariġi tas-17 ta' Marzu 2015 dwar il-promozzjoni taċ-ċittadinanza u l-valuri komuni tal-libertà, it-tolleranza u n-nondiskriminazzjoni permezz tal-edukazzjoni;

([1]) ĠU C 183, 14.6.2014, p. 22.
([2]) ĠU C 183, 14.6.2014, p. 30.
([3]) ĠU C 398, 22.12.2012, p. 1.
([4]) ĠU C 172, 27.5.2015, p. 17.
([5]) Testi adottati, P8_TA(2017)0360.
([6]) ĠU C 417, 15.12.2015, p. 25.
([7]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 50.

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-28 ta' April 2015 dwar is-segwitu għall-implimentazzjoni tal-Proċess ta' Bolonja ([8]),

— wara li kkunsidra d-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni tal-10 ta' Ġunju 2016 dwar "Aġenda Ġdida għall-Ħiliet għall-Ewropa – Naħdmu flimkien biex insaħħu l-kapital uman, l-impjegabbiltà u l-kompetittività" (SWD(2016)0195),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-2 ta' Frar 2017 dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1288/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi 'Erasmus+': il-programm tal-Unjoni għall-edukazzjoni, taħriġ, żgħażagħ u sport u li jħassar id-Deċiżjonijiet Nru 1719/2006/KE, Nru 1720/2006/KE u Nru 1298/2008/KE ([9]),

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 2016 bit-titlu "Perkorsi ta' titjib tal-ħiliet: Opportunitajiet Ġodda għall-Adulti" ([10]),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-7 ta' Diċembru 2016 bit-titlu "It-titjib u l-immodernizzar tal-edukazzjoni" (COM(2016)0941),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' Mejju 2017 bit-titlu "L-iżvilupp tal-iskejjel u t-tagħlim eċċellenti għal bidu tajjeb fil-ħajja" (COM(2017)0248),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' Mejju 2017 bit-titlu "Aġenda mġedda tal-UE għall-edukazzjoni għolja" (COM(2017)0247),

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tat-30 ta' Mejju 2017 għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-monitoraġġ tal-gradwati (COM(2017)0249),

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tal-5 ta' Ottubru 2017 għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar Qafas Ewropew għal Apprendistati ta' Kwalità u Effettivi (COM(2017)0563 – SWD(2017)0322),

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tat-30 ta' Novembru 2017 dwar "L-immodernizzar tal-edukazzjoni skolastika u għolja",

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tad-19 ta' Ottubru 2017 bit-titlu "Strateġija ġdida tal-UE għall-edukazzjoni",

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tas-17 ta' Jannar 2018 għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-promozzjoni tal-valuri komuni, l-edukazzjoni inklużiva u d-dimensjoni Ewropea tat-tagħlim (COM(2018)0023),

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tas-17 ta' Jannar 2018 għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar "Il-Kompetenzi Ewlenin għat-Tagħlim tul il-Ħajja" (COM(2018)0024),

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2012 dwar il-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali ([11]),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-17 ta' Jannar 2018 dwar il-Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali (COM(2018)0022),

— wara li kkunsidra r-rapport ta' konklużjoni tas-Summit Soċjali għall-Impjiegi Ġusti u t-Tkabbir, li ġie organizzat f'Gothenburg, l-Iżvezja, fis-17 ta' Novembru 2017 ([12]),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-edukazzjoni u l-kura fit-tfulija bikrija: nagħtu lil uliedna l-aqwa bidu għad-dinja ta' għada, adottata fit-3090 Laqgħa tal-Kunsill dwar l-Edukazzjoni, iż-Żgħażagħ, il-Kultura u l-Isport organizzata fid-19 u l-20 ta' Mejju 2011 ([13]),

([8]) ĠU C 346, 21.9.2016, p. 2.
([9]) Testi adottati, P8_TA(2017)0018.
([10]) ĠU C 484, 24.12.2016, p. 1.
([11]) ĠU C 398, 22.12.2012, p. 1.
([12]) http://www.socialsummit17.se/wp-content/uploads/2017/11/Concluding-report-Gothenburg-summit.pdf
([13]) https://www.consilium.europa.eu/uedocs/cms_data/docs/pressdata/en/educ/122123.pdf

**It-Tlieta 12 ta' Ġunju 2018**

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Marzu 1984 dwar il-libertà tal-edukazzjoni fil-Komunità Ewropea ([14]),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2010 dwar l-internazzjonalizzazzjoni tal-edukazzjoni għolja ([15]),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni Konġunta tal-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 bit-titlu "Lejn strateġija tal-UE għal relazzjonijiet kulturali internazzjonali" (JOIN(2016)0029), u r-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-5 ta' Lulju 2017 dwarha ([16]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 26 tad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem,

— wara li kkunsidra l-Karta tal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-Edukazzjoni għal Ċittadinanza Demokratika u l-Edukazzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, adottata fil-qafas tar-Rakkomandazzjoni CM/Rec(2010)7,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni tal-1979 dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa,

— wara li kkunsidra l-Objettiv Strateġiku B tad-Dikjarazzjoni u l-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing (1995),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 28 u 29 tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal,

— wara li kkunsidra l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli, adottata f'Settembru 2015 u li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2016, u b'mod partikolari, l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli 4 u 5,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali u l-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (A8-0173/2018),

A. billi skont l-Artikolu 6e tat-TFUE, il-kompetenza fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ hija tal-Istati Membri, filwaqt li l-Unjoni Ewropea għandha rwol ta' appoġġ vitali biex tistabbilixxi l-isfidi u l-għanijiet u tippromwovi u tiskambja l-aħjar prattiki;

B. u billi d-dritt għall-edukazzjoni hu dritt fundamentali tal-bniedem u billi l-edukazzjoni fil-forom kollha tagħha u fil-livell kollha jenħtieġ li tippreżenta l-karatteristiċi interkonnessi u essenzjali li ġejjin: a) id-disponibilità; b) l-aċċessibilità; c) l-aċċettabilità; u d) l-adattabilità;

C. billi l-prijorità prinċipali tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali huwa li jipprovdi edukazzjoni, taħriġ u tagħlim tul il-ħajja li jkunu inklużivi u ta' kwalità;

D. billi l-kisba ta' opportunitajiet indaqs hi funzjoni importanti tal-edukazzjoni, u l-aċċess għall-edukazzjoni jrid għalhekk isir nondiskriminatorju; billi għal dan il-għan, hemm bżonn ta' aktar sforzi biex jiġi żgurat li kulħadd, b'attenzjoni partikolari lil dawk l-aktar vulnerabbli, il-persuni b'diżabilità jew bi bżonnijiet speċjali, kif ukoll il-gruppi żvantaġġati, igawdi l-istess opportunitajiet li jaċċedi għall-edukazzjoni u t-taħriġ u u jikkompletahom, u li jikseb ħiliet fil-livelli kollha;

E. billi s-sistemi edukattivi Ewropej jirrappreżentaw rikkezza enormi ta' diversità kulturali, soċjali u lingwistika, filwaqt li fl-istess ħin l-Istati Membri jikkondividu għanijiet u sfidi simili fl-edukazzjoni, fosthom l-iżgurar ta' aċċess ugwali għall-edukazzjoni għal kulħadd, li jistgħu jiġu indirizzati fil-livell Ewropew;

F. billi l-kapaċità tas-sistemi tal-edukazzjoni li jissodisfaw il-ħtiġijiet soċjetali, ekonomiċi u personali tiddependi mill-kwalità, l-aċċessibilità, id-diversità, l-effiċjenza u l-ekwità tagħhom, kif ukoll mid-disponibilità ta' riżorsi umani, finanzjarji u materjali;

---

([14]) ĠU C 104, 16.4.1984, p. 69.
([15]) ĠU C 135, 26.5.2010, p. 12.
([16]) Testi adottati, P8_TA(2017)0303.

**It-Tlieta 12 ta' Ġunju 2018**

G. billi huwa importanti li jiġi mfakkar li l-edukazzjoni, inkluża l-edukazzjoni tal-għalliema, intlaqtet mill-kriżi ekonomika u finanzjarja, u li l-finanzjament pubbliku għall-edukazzjoni għandu rwol fundamentali fis-sistemi edukattivi tal-UE; billi, għal-hekk, appoġġ finanzjarju pubbliku miżjud għall-edukazzjoni, fosthom għall-għalliema u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom, kif ukoll għar-riċerka, hu kruċjali biex tiġi żgurata edukazzjoni pubblika bla ħlas, inklużiva u aċċessibbli;

H. billi l-edukazzjoni u t-taħriġ għandhom jikkontribwixxu għall-iżvilupp personali u l-iżvilupp taż-żgħażagħ sabiex jagħmlu-hom ċittadini proattivi u responsabbli li jkunu lesti biex jgħixu u jaħdmu f'dinja teknoloġikament avvanzata u globalizzata u jipprovduhom b'sett ta' kompetenzi ewlenin għat-tagħlim tul il-ħajja, definit bħala kombinazzjoni ta' għarfien, ħiliet u attitud-nijiet meħtieġa għall-milja u l-iżvilupp personali, għaċ-ċittadinanza attiva u għall-impjieg;

I. billi l-kwalità tat-tagħlim tikkostitwixxi fattur determinanti importanti għar-riżultati tal-istudenti, u għalhekk appoġġ qawwi għall-eċċellenza fir-rigward tat-tagħlim u tal-edukaturi jikkostitwixxi waħda mill-prijoritajiet għall-kooperazzjoni fil-livell tal-UE fl-edukazzjoni u t-taħriġ;

J. billi d-dritt għall-edukazzjoni jinkludi l-libertà li jitwaqqfu stabbilimenti edukattivi, abbażi tar-rispett dovut għall-prinċipji demokratiċi u għad-dritt tal-ġenituri li jiżguraw li t-tfal tagħhom huma mgħallma u istruwiti skont il-konvinzjonijiet reliġjużi, filosofiċi u pedagoġiċi tagħhom;

K. billi l-metodu miftuħ ta' koordinazzjoni kif applikat għall-edukazzjoni jippermetti lill-Istati Membri joħolqu u jimplimentaw strateġija komuni għall-edukazzjoni u t-taħriġ, inkluża wkoll il-pjattaforma online ET2020 (Edukazzjoni u Taħriġ 2020); billi l-parametri referenzjarji ta' din l-istrateġija huma analizzati u evalwati kull sena fil-pubblikazzjoni "Education and Training Monitor" (Monitoraġġ tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ), kemm għall-Istati Membri kif ukoll għall-UE kollha kemm hi;

L. billi fl-aħħar "Education and Training Monitor" ippubblikat fl-2017, il-Kummissjoni irrikonoxxiet li minkejja progress kon-tinwu fit-tnaqqis tal-għadd ta' studenti bi tluq bikri mill-edukazzjoni u t-taħriġ, l-għadd tagħhom xorta għadu għoli ħafna fl-UE;

M. billi skont ir-riżultati tal-aħħar testijiet testijiet ta' PISA, 20,6 % tal-istudenti Ewropej jiffaċċjaw problemi fl-akkwist ta' ħiliet bażiċi fl-oqsma tal-qari, il-matematika u x-xjenza, u għadd sinifikanti ta' ċittadini Ewropej għandhom nuqqas ta' ħiliet ta' litte-riżmu; billi dan huwa joħloq tħassib serju f'termini ta' tagħlim ulterjuri, żvilupp personali, u parteċipazzjoni adegwata fil-ħajja pubblika u fis-suq tax-xogħol;

N. billi l-iżgurar ta' aċċess għall-edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal (ECEC) għat-tfal kollha huwa essenzjali sabiex dawn igawdu minn bidu pożittiv fil-ħajja u fil-perkorsi edukattivi tagħhom;

O. billi l-kwalità tal-persunal hija fattur fundamentali għas-servizzi tal-edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal;

P. billi l-promozzjoni tal-mobilità tal-istudenti u tal-persunal hija parti importanti mis-sistemi ta' edukazzjoni ogħla Ewropej, u tikkontribwixxi għall-iżvilupp taż-żgħażagħ u tista' tistimula l-progress ekonomiku u soċjali; billi hemm bżonn ta' titjib kwali-tattiv u aktar appoġġ finanzjarju bl-għan li tikber il-mobilità tal-istudenti u tal-persunal fl-ambitu ta' Erasmus+;

Q. billi l-innovazzjonijiet metodoloġiċi u diġitali jikkostitwixxu strument potenzjali għall-estensjoni tal-aċċess għall-kontenut u l-għarfien, iżda ma għandhomx jissostitwixxu l-kuntatt personali u l-iskambju fost l-istudenti u bejn l-istudenti u l-għalliema, u lanqas ma għandhom isiru l-prijorità tas-sistemi ta' edukazzjoni;

R. billi l-ugwaljanza bejn is-sessi hija prinċipju fundamentali tal-Unjoni Ewropea, li huwa minqux fit-Trattati u għandu jiġi rifless fil-politiki kollha tal-UE, u, bl-istess mod, anki fil-qasam tal-edukazzjoni u l-kultura;

S. billi l-edukazzjoni hija għodda b'saħħitha biex jingħelbu l-inugwaljanzi bejn is-sessi u d-dikriminazzjoni, iżda tista' sikwit tirri-produċi jew taggrava d-diskriminazzjoni eżistenti; billi l-inugwaljanza bejn is-sessi fl-edukazzjoni tostakola kemm l-iżvilupp personali kif ukoll l-impjieg, u taffettwa ħafna oqsma soċjokulturali;

T. billi, minkejja l-fatt li n-nisa jammontaw għal 3 minn kull 5 (57,6 %) tal-gradwati kollha fl-edukazzjoni għolja, id-differenza fl-impjieg bejn il-ġeneri kienet 11,6 % fl-2015; ([17])

([17]) http://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php/Gender_statistics

**It-Tlieta 12 ta' Ġunju 2018**

***L-għarfien bħala riżorsa ekonomika ewlenija u sors ta' benesseri taċ-ċittadini***

1. Jiddikjara li l-edukazzjoni ta' kwalità universali hija komponent kruċjali tal-iżvilupp personali, kulturali, soċjali u professjonali f'soċjetà msejsa fuq l-għarfien;

2. Iqis li s-salvagwardja tal-valuri komuni Ewropej u tal-ksib tal-għanijiet ekonomiċi u soċjali tal-UE kif ukoll dawk tal-kompetittività u t-tkabbir sostenibbli huma marbuta ma' edukazzjoni ta' kwalità permezz tal-promozzjoni tal-valuri demokratiċi, id-drittijiet tal-bniedem, il-koeżjoni soċjali, l-integrazzjoni u s-suċċess individwali;

3. Jissottolinja r-rwol kruċjali fit-tiswir tal-futur tal-Ewropa, kemm ekonomikament kif ukoll soċjalment, filwaqt li tipprovdi għall-ħtiġijiet għall-bżonnijiet taċ-ċittadini u tibni komunità ta' ċittadini differenti uniti permezz tal-valuri ewlenin komuni tagħhom;

4. Jissottolinja li s-sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità jippromwovu ċ-ċittadinanza attiva u l-valuri komuni, u bħala tali jgħinu biex isawru soċjetà miftuħa, inklużiva, pluralista, demokratika u tolleranti;

5. Jenfasizza r-rwol tal-edukazzjoni biex tgħin lill-istudenti jiżviluppaw valuri etiċi u ċiviċi u jsiru membri tas-soċjetà attivi, responabbli u b'moħħhom miftuħa li jkunu kapaċi jeżerċitaw u jiddefendu d-drittijiet demokratiċi u r-responsabilitajiet tagħhom fis-soċjetà, japprezzaw id-diversità, jiżvolġu rwol attiv fil-ħajja demokratika u jieħdu r-responsabilità għalihom infushom u għall-komunitajiet tagħhom; jenfasizza, f'dan il-kuntest, l-importanza ta' edukazzjoni ċivika, etika, ambjentali u taċ-ċittadinanza;

6. Jenfasizza li sabiex iż-żgħażagħ jikkonfrontaw l-isfidi, isiru ċittadini Ewropej attivi u jkunu ta' suċċess f'ħajjithom u fis-suq tax-xogħol filwaqt li jsawru wkoll il-ġejjieni tad-dinja, edukazzjoni ta' kwalità u inklużiva trid tipprovdilhom l-għarfien, il-ħiliet il-litteriżmu medjatiku u l-ħsieb kritiku u awtonomu meħtieġa, kif ukoll attitudnijiet demokratiċi;

7. Jissottolinja l-fatt li l-iżgurar ta' aċċess ugwali għal edukazzjoni inklużiva u ta' kwalità huwa kruċjali għall-kisba ta' koeżjoni soċjali kontinwa billi jiġġieled il-faqar, l-esklużjoni soċjali ta' nies bi sfondi żvantaġġati u vulnerabbli, u l-istereotipi tal-ġeneri, u għaldaqstant għadu l-akbar għajnuna għall-mobilità soċjali;

8. Jinnota l-fatt li edukazzjoni ta' kwalità tista' trawwem ir-riċerka u l-innovazzjoni rilevanti għas-soċjetà u ta' benefiċċju għaliha;

9. Jirrikonoxxi l-importanza tal-edukazzjoni fl-iżvilupp ta' kompetenzi kulturali u fl-inkoraġġiment tal-iżvilupp kulturali; jinkoraġġixxi sinerġiji aktar mill-qrib bejn is-settur tal-edukazzjoni u dak kulturali, li għandhom jinkisbu billi jiġi appoġġat rwol attiv għall-kultura u l-arti f'kuntesti edukattivi formali, informali u mhux formali;

10. Jinnota r-rwol li l-edukazzjoni tiżvolġi fl-iżvilupp ta' attitudnijiet ta' tagħlim tul il-ħajja li jgħinu lin-nies jadattaw għall-eżiġenzi li qed jinbidlu tad-dinja moderna;

11. Ifakkar li l-iskejjel u l-istituzzjonijiet edukattivi jiżvolġu rwol ewlieni fil-ħolqien u t-trawwim ta' attitudni pożittiva lejn it-tagħlim, anki t-tagħlim tul il-ħajja;

***Ir-realtà edukattiva li qed tinbidel u l-isfidi relatati***

12. Jemmen li approċċ komprensiv għall-politika dwar l-edukazzjoni, b'appoġġ politiku u pubbliku qawwi, huwa kruċjali għall-proċess tar-riforma edukattiva, u li sabiex jinkisbu dawn l-għanijiet huwa essenzjali li jiġu involuti kemm is-soċjetà b'mod ġenerali kif ukoll l-atturi rilevanti u interessati kollha, inklużi l-ġenituri;

13. Iqis li governanza effettiva u finanzjament adegwat għall-istabbilimenti edukattivi kollha, riżorsi u tagħlim edukattivi ta' kwalità moderni, għalliema motivati u kompetenti, u tagħlim tul il-ħajja huma kruċjali għall-kisba tal-ekwità, id-dversità u l-eċċellenza fl-edukazzjoni;

14. Jenfasizza l-potenzjal ta' teknoloġiji ġodda tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni (ICT) u l-innovazzjoni, bħala strumenti biex jiġu offruti opportunitajiet ġodda fl-edukazzjoni, jintlaħqu b'mod aktar effettiv il-ħtiġijiet ta' studenti individwali (inklużi l-ħtiġijiet edukattivi speċjali), u tiżdied il-flessibilità fit-tagħlim, il-personalizzazzjoni u r-responsabilità, kif ukoll jitrawmu forom interattivi ta' kooperazzjoni u komunikazzjoni;

**It-Tlieta 12 ta' Ġunju 2018**

15. Jisħaq fuq l-opportunitajiet li d-diġitalizzazzjoni u l-istabbiliment ta' pjattaformi edukattivi komuni joffru għall-edukazzjoni moderna, speċjalment f'termini ta' tagħlim mill-bogħod, edukazzjoni mill-bogħod, u t-tagħlim imħallat, li għandhom jippermetti aktar flessibilità fl-edukazzjoni billi jfassluha b'mod eqreb għas-sitwazzjonijiet ta' għajxien individwali tal-istudenti u b'hekk ikunu ta' benefiċċju għat-tagħlim tul il-ħajja, għall-kwalità tal-edukazzjoni, għall-aċċessibilità u għall-iżvilupp ta' ħiliet futuri; jenfasizza l-ħtieġa li l-kurrikuli tal-ICT u tal-media jkunu xierqa għall-età u li jirrispettaw l-iżvilupp u l-benesseri tat-tfal u jenfasizzaw l-importanza kemm tal-użu responsabbli kif ukoll tal-ħsieb kritiku;

16. Josserva li t-tagħlim effikaċi permezz ta' teknoloġiji moderni jeħtieġ aċċess ugwali, livell kompetenti ta' ħiliet diġitali, riżorsi tat-tagħlim ta' kwalità, taħriġ fl-adattament tat-teknoloġija għal skopijiet pedagoġiċi u l-promozzjoni tal-attitudnijiet u l-motivazzjoni meħtieġ għal parteċipazzjoni diġitali sinifikattiva; jemmen li l-ħiliet tal-litteriżmu diġitali u medjatiku għandhom ikunu parti essenzjali mill-politiki tal-edukazzjoni u jinkludu, fost l-oħrajn, il-kompetenzi ċiviċi u l-ħsieb kritiku; jenfasizza l-importanza ta' valutazzjoni kritika tas-sorsi u l-affidabilità tagħhom, u ta' proġetti ta' litteriżmu medjatiku f'dan ir-rigward;

17. Jirrikonoxxi li f'dinja dejjem aktar globalizzata u diġitalizzata, huwa meħtieġa metodi ta' tagħlim u ta' valutazzjoni innovattivi u rilevanti, kif ukoll infrastruttura edukattiva adegwata li tippermetti l-ħidma fi gruppi u t-tagħlim f'tim, u tistimula l-ħsieb kreattiv u s-soluzzjoni tal-problemi flimkien ma' metodi edukattivi progressivi oħrajn; ifakkar fl-importanza tal-involviment tal-għalliema, l-istudenti u persunal ieħor tal-iskejjel fil-valutazzjoni ta' jekk intlaħqux l-objettivi ta' tagħlim, u kif intlaħqu;

18. Jinnota li jinħtieġu aktar sforzi biex il-paradigma edukattiva tiġi adattata biex tibbilanċja approċċ iffokkat fuq l-għalliem kif ukoll fuq il-kontenut, li tkun aktar adatta individwalment u speċifikament għall-istudenti u ċ-ċirkustanzi tal-għajxien tagħhom, b'approċċ iffokat fuq il-komprensjoni, li jgħaqqad flimkien metodi ta' tagħlim adatti għall-mudell tat-tagħlim tradizzjoni kif ukoll online, biex b'hekk tissaħħaħ il-personalizzazzjoni tal-proċess edukattiv u b'dan il-mod jiżdiedu r-rati ta' żamma u ikkompletar;

19. Jenfasizza li s-sistemi edukattivi għandhom jippromwovu l-approċċi interdixxiplinari, kooperattivi u kreattivi u x-xogħol f'tim bil-għan li l-istudenti jiġu mgħammra bl-għarfien u l-ħiliet, inklużi ħiliet trażversali u mhux tekniċi, kif ukoll kompetenzi professjonali, trażversali, soċjali u ċiviċi;

20. Ifakkar li l-ksib ta' tagħlim ta' kwalità huwa proċess kontinwu li jinkludi d-djalogu, sens ta' kondiviżjoni u kurżità, u għandu jingħata prijorità fil-modernizzazzjoni tal-edukazzjoni;

21. Jenfasizza li l-iffaċilitar ta' aċċess ugwali għal edukazzjoni inklużiva ta' kwalità huwa essenzjali għall-indipendenza u l-integrazzjoni fis-soċjetà ta' studenti b'diżabilità; jistieden lill-Istati Membri jiffaċilitaw l-aċċess għal edukazzjoni ewlenija ("mainstream") inklużiva u ta' kwalità, filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet tal-istudenti kollha b'kull tip ta' diżabilità, li jfisser, pereżempju, li tiġi pprovduta edukazzjoni inklużiva bilingwi għat-tfal neqsin mis-smigħ fir-rigward tal-ħtiġijiet lingwistiċi speċjali tagħhom; jistieden lill-iskejjel jipprovdu servizzi differenzjati kemm formali kif ukoll informali, u appoġġ imsaħħaħ, waqt li jużaw ukoll il-potenzjal ta' teknoloġiji ġodda sabiex jiġu moqdija l-bżonnijiet individwali tal-istudenti kollha; jistieden lill-Kummissjoni tissorvelja l-iskejjel fir-rigward tal-politika tagħhom ta' aċċettazzjoni ta' kulħadd, u tistabbilixxi indikaturi speċifiċi għad-diżabilità fi ħdan l-istrateġija Ewropa 2020;

22. Jemmen li l-edukazzjoni Ewropea jeħtieġ li tfittex qabelxejn l-iżvilupp tar-raġunament, ir-riflessjoni u l-kurżità xjentifika; li hija trid tkun kapaċi tibni fuq il-bażi ta' kultura umanistika artistika, xjentifika u teknika; u li, hekk kif tibda mir-realtà prattika tal-ħajja lokali, reġjonali, nazzjonali u Ewropea, hija għandha tagħti t-taħriġ neċessarju biex tirrisolvi problemi nazzjonali u Ewropej u tqajjem kuxjenza dwar il-problemi fi ħdan il-komunità internazzjonali;

23. Jirrikonoxxi r-realtà tad-differenzi individwali fil-kapaċitajiet konjittivi u l-karatteristiċi tal-personalità li jinteraġixxu ma' fatturi soċjali u ambjentali, u jinfluwenzaw l-eżiti edukattivi; jissottolinja f'dan il-kuntest li l-edukazzjoni hija aktar effiċjenti, ekwa u ġusta meta jittieħed kont ta' dawn id-differenzi;

24. Jirrikonoxxi li, f'dinja kompetittiva, huwa essenzjali li t-talent Ewropew jiġi identifikat u promoss kmieni kemm jista' jkun;

25. Jenfasizza li t-titjib fir-riżultati fl-ambitu edukattiv huwa kompatibbli, b'mod medju, mal-promozzjoni tal-eċċellenza fost l-istudenti b'talenti; jinnota, f'dan il-kuntest, l-importanza tat-tfassil ta' programmi ta' intervent xierqa sabiex jissaħħu l-karatteristiċi psikoloġiċi rilevanti għall-massimizzazzjoni tal-potenzjal tal-persuni;

**It-Tlieta 12 ta' Ġunju 2018**

26. Jenfasizza l-bżonn li tingħata importanza lill-litteriżmu viżiv bħala ħila ġdida tal-ħajja, filwaqt li jirrikonoxxi li llum il-ġurnata, in-nies qed jikkomunikaw aktar permezz tal-immaġnijiet milli permezz tal-mezzi tradizzjonali;

27. Jinnota l-proposta li tinħoloq Żona Ewropea ta' Edukazzjoni, ippreżentata fis-Summit Soċjali għall-Impjiegi Ġusti u t-Tkabbir, li ġie organizzat f'Gothenburg fl-2017; ifakkar li din l-inizjattiva għandha trawwem il-kooperazzjoni, ir-rikonoxximent reċiproku tad-diplomi u l-kwalifiki, u aktar mobilità u tkabbir;

28. Jappoġġja l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2017 li jitolbu li titjieb il-mobilità u l-parteċipazzjoni tal-istudenti fl-edukazzjoni u fl-attivitajiet kulturali, fosthom permezz ta' "Kard Ewropea tal-Istudenti", li għandha tiffaċilita r-rikonoxximent ta' krediti universitarji miksuba fi Stati Membri oħra;

29. Jemmen li Erasmus+ huwa l-programm emblematiku tal-UE fil-qasam tal-edukazzjoni, u li l-impatt u l-popolarità tiegħu ġew evidenzjati għalkollox tul is-snin; jappella, għalhekk, għal żieda sostanzjali fil-finanzjament għal dan il-programm fil-QFP 2021-2027, sabiex il-programm isir aktar aċċessibbli u inklużiv u jkun jista' jilħaq aktar studenti u għalliema;

30. Jissottolinja li l-qgħad taż-żgħażagħ huwa fenomenu li jinstab fl-Ewropa kollha li skont ir-rapporti jammonta għal madwar id-doppju tar-rata medja tal-qgħad ġenerali; jesprimi t-tħassib tiegħu dwar ir-rati għolja b'mod allarmanti fl-Istati Membri tal-Mediterran, li huma l-aktar għoljin fi Spanja (44,4 %), l-Italja (37,8 %) u fil-Greċja (47,3 % taż-żgħażagħ huma qiegħda waqt li 30,5 % taż-żgħażagħ huma NEETs, skont l-Eurostat;

31. Josserva li minkejja ż-żewġ miljun impjieg battal li jeżistu fl-UE, aktar minn 30 % taż-żgħażagħ kwalifikati b'diplomi qed jaħdmu f'impjiegi li ma jaqblux mal-ħiliet jew l-aspirazzjonijiet tagħhom, filwaqt li 40 % tal-impjegaturi Ewropej isibuha diffiċli biex isibu ħaddiema bil-ħiliet li jeħtieġu l-impjegaturi ([18]);

32. Jafferma l-ħtieġa li s-sistemi ta' edukazzjoni fil-livelli kollha jżommu perspettiva ta' ugwaljanza bejn is-sessi li tieħu kont tal-ħtiġijiet tal-persuni li jbatu minn forom multipli ta' diskriminazzjoni, inklużi l-persuni b'diżabilità, persuni li jidentifikaw ruħhom bħala LGBTI u persuni li jkunu ġejjin minn komunitajiet emarġinati;

*Edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal (ECEC)*

33. Jenfasizza li ECEC ta' kwalità u aċċessibbli toħloq pedament għal sistemi tal-edukazzjoni aktar ekwitabbli u effettivi, u tiżgura l-iżvilupp personali individwali, il-benesseri u l-effikaċja ta' tagħlim ulterjuri;

34. Jenfasizza l-benefiċċji kbar għat-tfal kollha, speċjalment dawk minn gruppi żvantaġġati, li jattendu ECEC, u jenfasizza f'dan il-kuntest l-importanza li jiġi żgurat li kull tifel u tifla jkun jista' jkollhom aċċess għall-ECEC; josserva bi tħassib, f'dan ir-rigward, li f'diversi Stati Membri, id-domanda għal postijiet ECEC hija akbar mill-provvista, speċjalment għal tfal iżgħar;

35. Jissottolinja l-importanza tal-monitoraġġ tal-kwalità tal-ECEC, ħalli t-tfal ikunu jistgħu jiżviluppaw il-ħiliet konjittivi tagħhom u jiġi ddeterminat jekk humiex qed jiġu moqdija l-aħjar interessi tat-tfal;

*Edukazzjoni skolastika*

36. Jara lill-iskejjel kollha bħala ċentri għat-trawwim tal-ħsieb kritiku u kreattiv u għall-promozzjoni tal-valuri demokratiċi u ċ-ċittadinanza attiva; iqis li l-iskejjel għandhom jiffukaw fuq l-għajnuna għaż-żgħażagħ biex jiksbu l-ħiliet meħtieġa biex jifhmu u jużaw l-informazzjoni disponibbli, kif ukoll biex jiżviluppaw l-awtonomija fit-tagħlim u l-profiċjenza lingwistika;

37. Jirrimarka li l-bżonnijiet speċifiċi tal-istudenti kollha għandhom ikunu fiċ-ċentru tal-funzjonament effikaċi tal-iskejjel skola, li jeħtieġ l-istabbiliment ta' objettivi konġunti u aġenda ċara għall-implimentazzjoni tagħhom kif ukoll kollaborazzjoni mill-qrib bejn il-komunità tal-iskola kollha u l-persuni interessati, fejn xieraq;

38. Iqis li l-kurrikuli moderni għandhom ikunu mmexxija mill-kompetenzi, għandhom isaħħu l-ħiliet personali u l-kompetenza ta' ġestjoni ta' ħajja orjentata għall-futur u konxja dwar is-saħħa u għandhom jiffokaw fuq valutazzjoni formattiva u fuq il-benesseri fiżiku u emozzjonali tal-istudenti; jemmen li kull student għandu jkollu l-possibilità li jwettaq il-potenzjal intellettwali tiegħu; jenfasizza li l-iżvilupp u t-tisħiħ tal-ħiliet hu proċess kontinwu, li jopera fil-livelli kollha tal-edukazzjoni u fis-suq tax-xogħol, u li l-ħiliet u l-kompetenzi għandhom jitqiesu kemm fil-proċess edukattiv u kemm fir-rikonoxximent ta' kwalifiki edukattivi;

([18]) http://www.cedefop.europa.eu/en/publications-and-resources/publications/3072, https://www.eurofound.europa.eu/sites/default/files/ef_publication/field_ef_document/ef1502en_0.pdf

**It-Tlieta 12 ta' Ġunju 2018**

39. Jissottolinja li l-kisba ta' ħiliet bażiċi ta' litteriżmu u numeriżmu hija fundamentali għat-tagħlim ulterjuri, l-iżvilupp personali u l-kisba tal-kompetenza diġitali tal-istudenti; jenfasizza li l-qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ (ET2020) u l-Aġenda Ġdida tal-Ħiliet tal-Kummissjoni għandhom jikkomplementaw l-azzjonijiet nazzjonali u jappoġġjaw l-Istati Membri f'dan ir-rigward; jistieden lill-Istati Membri u l-istituzzjonijiet edukattivi jsaħħu l-ħiliet bażiċi permezz ta' tagħlim ibbażat fuq il-proġetti u l-problemi, fost soluzzjonijiet oħra;

40. Jinnota li l-Istati Membri għandhom jiggarantixxu li ħadd ma jtemm l-iskola mingħajr ħiliet bażiċi, inklużi ħiliet diġitali bażiċi; jenfasizza l-fatt li l-biċċa l-kbira tal-impjiegi llum 'il ġurnata jirrikjedu livelli ogħla ta' litteriżmu, numeriżmu, litteriżmu diġitali u ħiliet kruċjali oħra, u li s-sistemi ta' edukazzjoni moderni għandhom għaldaqstant jgħaqqdu t-tmien kompetenzi ewlenin deskritti fil-proposta tal-Kummissjoni għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-Kompetenzi Ewlenin għat-Tagħlim Tul il-Ħajja, li jinkludi wkoll l-għarfien u l-attitudnijiet; jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li din il-proposta tiddefinixxi wkoll il-ħiliet diġitali bħala ħiliet bażiċi;

41. Iqis li, minkejja l-impatt ta' teknoloġiji ġodda fuq l-edukazzjoni, l-iskola xorta għandha tibqa' ambjent fundamentali tat-tagħlim fejn il-potenzjalitajiet jiġu żviluppati, u fejn kull individwu jista' jsib l-ispazju u l-ħin għal tkabbir personali u soċjali;

42. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-għoti ta' aktar awtonomija lill-iskejjel fir-rigward tal-kurrikuli, l-evalwazzjoni u finanzjament, irriżulta fi prestazzjoni aqwa mill-istudenti, dejjem jekk hemm governanza effikaċi fl-iskola u rendikont mill-iskola stess għat-tagħlim tal-istudenti;

43. Jenfasizza l-impatt pożittiv tad-diversità kulturali u l-multilingwiżmu fl-iskejjel fuq l-iżvilupp lingwistiku u konjittiv tal-istudenti, kif ukoll fuq il-promozzjoni tal-kuxjenza interkulturali, ir-rispett u l-pluraliżmu;

44. Jenfasizza l-bżonn li jissaħħaħ it-tagħlim ta' lingwi bil-ħsieb li persuna titkellem żewġ lingwi barra mil-lingwa materna u li jiġi promoss fil-livell tal-iskejjel sekondarji t-tagħlim ta' tal-anqas żewġ suġġetti f'lingwa li ma tkunx lingwa materna;

45. Jirrimarka li l-iskambji tal-iskejjel sekondarji jikkontribwixxu ħafna sabiex jinkoraġġixxu l-istudenti jiksbu abilitajiet, ħiliet, attitudnijiet u valuri intrinsiċi għaċ-ċittadinanza dinamika Ewropea u biex jiżviluppaw ħsieb kritiku kostruttiv;

46. Jenfasizza l-bżonn li l-iskejjel ikunu aktar miftuħa sabiex jippermettu r-rikonoxximent tat-tagħlim mhux formali u informali, tranżizzjonijiet b'anqas xkiel bejn toroq edukattivi differenti (bħal pereżempju tekniċi u akkademiċi);

47. Jissottolinja li l-istudenti għandhom jiġu mħeġġa jużaw tekniki ta' awtovalutazzjoni biex ikejlu l-progress fit-tagħlim tagħhom; iħeġġeġ lill-istituzzjonijiet edukattivi jiżguraw li l-għodda tal-feedback jipprovdu informazzjoni affidabbli billi jużaw taħlita ta' diversi strumenti, bħal kwestjonarji ta' studenti, gruppi ta' fokus u kaxex għas-suġġerimenti;

48. Jenfasizza l-importanza ta' ħajja attiva permezz tal-isport; jenfasizza, f'dan il-kuntest, il-bżonn li l-attività fiżika u l-edukazzjoni fiżika jiġu promossi u jingħataw rwol estiż fil-kurrikuli edukattivi fil-livelli kollha, b'possibilitajiet imtejba għall-iżvilupp ta' kooperazzjoni bejn l-istabbilimenti edukattivi u l-organizzazzjonijiet tal-isport lokali; jinkoraġġixxi wkoll l-inizjattivi edukattivi u l-attivitajiet extrakurrikulari bl-għan li jappoġġjaw il-ksib tal-ħtiġijiet u l-interessi individwali tal-istudenti filwaqt li anke jibnu konnessjonijiet mal-komunitajiet lokali;

49. Jenfasizza l-importanza ta' edukazzjoni ta' kwalità, taħriġ vokazzjonali u attivitajiet komunitarji u volontarji biex jgħinu biex jogħla l-istatus ta' vokazzjonijiet ibbażati fuq ix-xogħol;

50. Jinnota li għadd konsiderevoli ta' impjiegi ġodda qed jinħolqu f'industriji relatati mal-enerġija rinnovabbli, u li għaldaqstant is-setturi u l-impjiegi ekoloġiċi għandhom jiġu indirizzati fil-kurrikula tal-iskejjel;

51. Jenfasizza li l-ħiliet tal-ġestjoni tal-informazzjoni, il-ħsieb kritiku u l-ħila li wieħed juża l-għarfien miksub huma għanijiet kruċjali tal-edukazzjoni akkademika;

52. Jirrikonoxxi n-neċessità li jissaħħaħ it-triangolu tal-għarfien u li jittejbu r-rabtiet bejn ir-riċerka u t-tagħlim billi jiġu allokati riżorsi adegwati għall-programmi rilevanti u billi jiġi żgurat li l-istudenti involuti fi programmi ta' riċerka jingħataw il-mezzi finanzjarji biex iwettqu r-riċerka tagħhom;

**It-Tlieta 12 ta' Ġunju 2018**

53. Jemmen li sistemi ta' edukazzjoni għolja għandhom ikunu aktar flessibbli u miftuħa, u li għandhom ikunu promossi mogħdijiet ta' taħriġ b'alternanza fl-universitajiet u fl-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ulterjuri, b'mod partikolari billi jiġu inkoraġġiti l-apprendistati, u b'hekk jingħata lok għar-rikonoxximent tat-tagħlim informali u mhux formali, u jkunu żgurati tranżizzjonijiet b'inqas intoppi bejn bejn il-livelli differenti tal-edukazzjoni, inkluża dik bejn l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET) u l-edukazzjoni ogħla, kif ukoll diversi forom ta' twettiq tal-programmi; jenfasizza li dan għandu jkun ibbażat fuq komprensjoni aħjar tal-prestazzjoni tal-gradwati;

*Edukazzjoni għolja*

54. Jenfasizza, fil-kuntest tal-ħolqien ta' Żona Ewropea ta' Edukazzjoni, l-importanza li nappoġġjaw u nibnu fuq l-potenzjal tal-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja Ewropej kollha u tal-istudenti sabiex jiġi stimulati n-networking, il-kooperazzjoni internazzjonali u l-kompetizzjoni;

55. Huwa tal-opinjoni li approċċ kumplessiv għall-internazzjonalizzazzjoni, inkluża mobilità akbar għall-persunal u l-istudenti (anki permezz ta' traineeships u apprendistati), u dimensjoni internazzjonali għall-kurrikulu, u għat-tagħlim, ir-riċerka, il-kooperazzjoni u attivitajiet addizzjonali, għandu jkun element importanti tal-istituzzjonijiet Ewropej ta' edukazzjoni għolja;

56. Huwa favur enfasi akbar fuq programmi ta' studju interdixxiplinari, u jinkoraġġixxi l-promozzjoni, b'mod parallel, tax-Xjenza, it-Teknoloġija, l-Inġinerija, l-Arti u l-Matematika (STEAM) u tax-xjenzi umani u soċjali; jenfasizza l-ħtieġa li tiġi mħeġġa l-parteċipazzjoni tan-nisa u ta' gruppi oħra sottorappreżentati fis-suġġetti STEAM u l-professjonijiet rilevanti;

57. Huwa tal-fehma li l-edukazzjoni għolja trid tinvolvi ruħha mas-soċjetà ġenerali sabiex tippromwovi t-tkabbir innovattiv u l-benesseri soċjali; jemmen li l-kooperazzjoni bejn istituzzjoni tal-edukazzjoni għolja (HEIs) u l-partijiet interessati esterni hija mixtieqa, għax dawn tal-aħħar jistgħu jikkontribwixxu l-għarfien u l-ħiliet espert fit-tfassil u fl-implimentazzjoni ta' programmi ta' edukazzjoni għolja; jenfasizza, madankollu, li r-responsabilità għat-teħid ta' deċiżjonijiet trid dejjem tkun tal-istudenti u l-esperti tal-pedagoġija;

58. Jirrikonoxxi r-rwol ċentrali li jiżvolġu l-akkademiċi u l-istudenti fit-tixrid tal-għarfien, is-sejbiet u l-fatti empiriċi miksuba fost il-pubbliku ġenerali; iħeġġeġ, f'dan ir-rigward, riċerka li tkun ekonomikament u politikament indipendenti li hija rilevanti għas-soċjetà u toffrilha benefiċċji;

59. Jenfasizza r-rwol tal-edukazzjoni bbażata fuq ir-riċerka u r-riċerka pedagoġika bħala mezz biex jiġi stimulat it-tagħlim attiv, jissaħħaħ l-iżvilupp tal-ħiliet, u tittejjeb il-metodoloġija tat-tagħlim;

60. Jissottolinja li l-istudenti għandhom jiġu mħeġġa jużaw tekniki ta' awtovalutazzjoni biex ikejlu l-progress tagħhom fit-tagħlim;

***L-għalliem bħala garanti ta' tagħlim ta' kwalità***

61. Iqis li l-għalliema u l-ħiliet, l-impenn u l-effikaċja tagħhom huma l-bażi tas-sistemi tal-edukazzjoni;

62. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu attirati lejn il-professjoni tat-tagħlim iktar kandidati motivati bi sfondi akkademiċi jew professjonali sodi u b'kompetenzi pedagoġiċi; jitlob proċeduri ta' għażla adattata u miżuri u inizjattivi speċifiċi biex jittejbu l-istatus ta' għalliema, it-taħriġ, l-opportunitajiet professjonali, il-kundizzjonijiet tax-xogħol, inkluża r-remunerazzjoni, li jiġu evitati forom ta' impjieg instabbli, id-drittijiet soċjali, is-sikurezza u l-protezzjoni, kif ukoll li l-għalliema jiġu pprovduti b'appoġġ li jinkludi programmi ta' mentoring, tagħlim bejn il-pari u skambju tal-aħjar prattiki; jistieden lill-Kummissjoni tinkoraġġixxi ugwaljanza akbar bejn is-sessi fil-professjoni tat-tagħlim;

63. Jenfasizza l-importanza ta' riformi u investiment fl-edukazzjoni tal-għalliema, mill-fażi inizjali u matul l-iżvilupp professjonali tal-għalliema, sabiex l-għalliema jingħataw għarfien solidu u aġġornat, ħiliet u kompetenzi essenzjali għal standard għoli ta' tagħlim, li jinkludi diversità fil-metodi ta' tagħlim, bħat-tagħlim mill-bogħod, permezz ta' teknoloġiji diġitali tat-tagħlim; jenfasizza l-importanza tal-iżvilupp professjonali kontinwu tal-għalliema, inkluż l-għoti ta' programmi ta' tagħlim tul il-ħajja u korsijiet ta' aġġornament u ta' taħriġ mill-ġdid u titjib tal-ħiliet matul il-karrieri tagħhom, li joffru soluzzjonijiet prattiċi għall-isfidi li jħabbtu wiċċhom magħhom l-għalliema fix-xogħol tagħhom fil-livell tal-klassi, u opportunitajiet biex jipparteċipaw fi skambji internazzjonali ta' għalliema sabiex titrawwem kultura ta' tagħlim istituzzjonali;

64. Jaqbel li t-taħriġ pedagoġiku, psikoloġiku u metodoloġiku ta' kwalità għolja ta' għalliema tal-iskola u tal-edukazzjoni terzjarja u l-lekċerers huwa kundizzjoni ewlenija biex l-edukazzjoni tal-ġenerazzjonijiet futuri tkun suċċess; jenfasizza, f'dan ir-rigward, l-importanza tal-qsim tal-aħjar prattiki u l-iżvilupp ta' ħiliet u kompetenzi permezz ta' kooperazzjoni internazzjonali, programmi ta' mobilità bħal Erasmus+ u apprendistati mħallsa fi Stati Membri oħra;

**It-Tlieta 12 ta' Ġunju 2018**

65. Jenfasizza r-rwol ewlieni tal-għalliem fil-forniment ta' ambjent ta' tagħlim inklużiv li jirrikjedi l-applikazzjoni ta' firxa ta' metodi u approċċi biex jissodisfaw ħtiġijiet differenti, u b'hekk l-istudenti kollha jkunu jistgħu jiġu involuti fit-tfassil, it-twettiq u l-valutazzjoni tal-eżiti tat-tagħlim tagħhom; jirrikonoxxi l-funzjoni kruċjali tal-għalliema bħala gwidi u mentors proattivi li jgħallmu lill-istudenti kif jevalwaw l-informazzjoni, jadottaw rwol ta' appoġġ fil-konfront tal-isfidi, u jippreparaw lill-istudenti għall-ħajja;

66. Iqis li l-involviment tal-għalliema u l-mexxejja tal-iskejjel biex jiġu mmodernizzati s-sistemi tal-edukazzjoni huwa vitali għal proċessi ta' riforma effettivi u l-immotivar tal-persunal edukattiv għal titjib ulterjuri fil-politika tal-iskola;

67. Huwa tal-fehma li politika komprensiva tal-iskola trid tiggarantixxi appoġġ effikaċi għall-għalliema sabiex tiżgura l-kisba ta' miri edukattivi, ambjent tal-iskola abilitanti, skejjel li jaħdmu u jiżviluppaw b'mod effiċjenti u governanza kollaborattiva;

68. Jirrikonoxxi r-rwol importanti tal-edukaturi kif ukoll tal-kooperazzjoni bejn il-ġenituri, l-għalliema u l-awtoritajiet tal-iskejjel fi ħdan l-edukazzjoni formali, mhux formali u informali fl-appoġġ għall-ġenerazzjonijiet attwali u futuri; jinkoraġġixxi, f'dan ir-rigward, kollaborazzjoni msaħħa fost l-atturi kollha fit-tagħlim formali, mhux formali u informali;

69. Huwa tal-fehma li kooperazzjoni msaħħa bejn l-għalliema, ir-riċerkaturi u l-akkademiċi hija ta' benefiċċju għall-partijiet relatati kollha u tirriżulta f'titjib u aġġornament tal-kontenut tat-tagħlim, tal-prattiki tat-tagħlim u l-pedagoġija, kif ukoll trawwem l-innovazzjoni, il-kreattività u l-ħiliet ġodda;

***Rakkomandazzjonijiet***

70. Iqis li z-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni għandha tiffoka fuq il-kisba ta' għanijiet komuni, inkluż l-iżgurar ta' tagħlim ta' kwalità għal kulħadd, u trid tkun imfassla fuq bażi ta' u evalwazzjoni kritika ta' politiki eżistenti u xejriet u ċifri edukattivi kemm fl-UE kif ukoll barra l-UE, sabiex jiġu żgurati l-koerenza, il-konsistenza u riżultati li jistgħu jinkisbu, filwaqt li jingħata wkoll impetu ġdid lill-iżvilupp tagħhom u jiġu rispettati l-prinċipji tal-għoti, tas-sussidjarjetà, tal-libertà, tal-proporzjonalità u tal-awtonomija istituzzjonali u edukattiva;

71. Jemmen li ż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni m'għandhiex tipperikola u lanqas tissostitwixxi l-Proċess ta' Bolonja u li dan talaħħar għandu pjuttost jiġi żviluppat u msaħħaħ; jishaq fuq l-importanza ta' rabtiet reċiproċi u komplementari bejn iż-Żona Ewropea ta' Edukazzjoni u ż-Żona Ewropea ta' Edukazzjoni Għolja;

72. Jistieden lill-Istati Membri jappoġġaw il-ħolqien ta' Żona Ewropea tal-Edukazzjoni u jsaħħu l-kooperazzjoni fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-objettivi tagħha; jistieden, f'dan ir-rigward, lill-Kummissjoni tiżgura l-iskambju ta' ideat u prattiki tajba bil-għan li jinkisbu dawn l-għanijiet;

73. Jappoġġa, bħala bażi għal aktar kooperazzjoni li tħaddan l-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja kemm ġewwa kif ukoll barra l-UE, il-ħolqien ta' netwerk Ewropew ta' universitajiet, ibbażat fuq approċċ minn isfel għal fuq u inizjattivi tal-universitajiet stess, li għandu jikkontribwixxi, fost l-oħrajn, biex iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni ssir spazju aktar innovattiv, vitali u attraenti għat-tagħlim u r-riċerka;

74. Jistieden lill-Istati Membri jirrikonoxxu l-edukazzjoni bħala investiment fil-kapital uman, u jipprovdu iktar finanzjament pubbliku ta' natura trasparenti għat-twettiq ta' inizjattivi bl-għan li tittejjeb il-kwalità, l-inklużività u l-ekwità fit-tagħlim;

75. Jenfasizza li investiment akbar fis-sistemi ta' edukazzjoni u ta' taħriġ, kif ukoll fil-modernizzazzjoni u fl-aġġustament tagħhom, jikkostitwixxu kundizzjoni kruċjali għall-progress soċjali u ekonomiku; jenfasizza, għaldaqstant, l-importanza li jiġi żgurat li l-investiment soċjali, speċjalment fl-edukazzjoni u t-taħriġ għal kulħadd, jingħata prijorità fil-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss tal-QFP 2020-2026;

76. Iħeġġeġ, fir-rigward tat-tisħiħ tal-inklużività u l-iżgurar tal-libertà tal-għażla fl-edukazzjoni, il-provvista ta' appoġġ finanzjarju adegwat għal skejjel tal-kategoriji u l-livelli kollha, skejjel statali u l-iskejjel privati mingħajr skop ta' qligħ, sakemm il-kurrikulu offrut ikun ibbażat fuq il-prinċipji stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u jkun konformi mas-sistemi legali u r-regoli u regolamenti rigward il-kwalità tal-edukazzjoni u l-użu ta' tali fondi fis-seħħ fl-Istat Membru konċernat;

77. Iqis li wasal iż-żmien biex isir l-investimenti neċessarju fl-infrastruttura edukattiva f'reġjuni inqas żviluppati, dejjem waqt li investiment ikkoordinat jiġi adattat għall-karatteristiċi speċifiċi tar-reġjun ikkonċernat; jenfasizza f'dan ir-rigward, huwa partikolarment importanti li jkun jista' jingħata aktar appoġġ mill-Bank Ewropew tal-Investiment u l-fondi Ewropej għal inizjattivi reġjonali li għandhom l-għan li jiżviluppaw l-edukazzjoni;

**It-Tlieta 12 ta' Ġunju 2018**

78. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jagħmlu skambju tal-esperjenzi u l-aħjar prattiki dwar il-mekkaniżmi u l-metodi tal-finanzjament pubbliku, inkluż il-finanzjament abbażi tal-prestazzjoni u l-iffinanzjar tar-riċerka kompetittiv, bil-għan li tinkiseb diversifikazzjoni ta' finanzjament sostenibbli u trasparenti;

79. Jitlob kooperazzjoni msaħħa fost l-Istati Membri fl-immodernizzar tal-edukazzjoni; iħeġġeġ lill-Istati Membri jibdew l-implimentazzjoni tal-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali li joffru mezzi li bihom jitnaqqsu l-inugwaljanzi fl-Ewropa permezz tal-edukazzjoni, it-taħriġ u t-tagħlim tul il-ħajja;

80. Jenfasizza r-rwol tas-Semestru Ewropew fil-promozzjoni ta' riformi nazzjonali, b'mod partikolari billi jiġu definiti r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż relatati mal-edukazzjoni;

81. Jistenna li l-Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali jappoġġa lill-Istati Membri u l-istituzzjonijiet edukattivi fl-użu miżjud, aktar effikaċi u aktar adegwat għall-era u l-iżvilupp ta' teknoloġija tal-ogħla livell fit-tagħlim mill-għalliema, fit-tagħlim tagħhom stess, tal-istudenti u fl-evalwazzjoni, li jkun jissodisfa standards ta' garanzija tal-kwalità; jemmen li kwalunkwe pjan ta' edukazzjoni diġitali għandu jistabbilixxi u jivvaluta regolarment ir-rabta bejn il-mezzi diġitali tal-edukazzjoni u l-oqfsa ta' kwalifiki bbażati fuq l-eżiti tattagħlim;

82. Jirrakkomanda li l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet edukattivi jippromwovu metodi ta' tagħlim individwalizzati u ċċentrati fuq min qed jitgħallem, inklużi korsijiet imfassla apposta li jkunu bbażati fuq u jgħaqqdu l-esperjenza akkademika u professjonali ta' min qed jitgħallem kif ukoll metodi innovattivi u interazzjoni bejn l-għalliema u l-istudenti, sabiex jiġu appoġġati l-edukazzjoni kontinwa u l-kisba ta' riżultati ppjanati tat-tagħlim fejn l-istudenti jkunu parteċipanti attivi fil-proċess ta' tagħlim tagħhom stess;

83. Jistieden lill-Istati Membri jadottaw approċċ olistiku għall-edukazzjoni u jipprovdu lill-istudenti b'opportunitajiet ta' tagħlim speċifiċi u flessibbli, li jistgħu jgħammruhom bil-kompetenzi ċentrali biex jirnexxilhom jidħlu fis-suq tax-xogħol;

84. Jitlob biex jiġi inkorporat aktar tagħlim inkwiżittiv, attiv u ta' stħarriġ ibbażat fuq il-proġetti u l-problemi fi programmi edukattivi fil-livelli kollha, bil-għan li jiġu promossi l-kooperazzjoni u x-xogħol f'tim; jirrakkomanda li s-sistemi edukattivi jaħdmu biex isaħħu ħiliet trażversali, ħiliet mhux tekniċi u ħiliet tal-ħajja;

85. Itenni li d-dritt għall-edukazzjoni jrid jiġi ggarantit lil kull persuna b'diżabbiltà, mill-kindergarten sal-università, u jisħaq fuq l-importanza li jkun hemm tagħmir għat-tagħlim u tagħmir tekniku xieraq, miżuri ta' valutazzjoni u persunal ikkwalifikat xierqa biex jiġi żgurat li l-persuni b'diżabbiltà jkunu ġenwinament kapaċi jgawdu minn dan id-dritt;

86. Jappoġġa u jinkoraġġixxi l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet dwar l-iżvilupp tal-litteriżmu medjatiku u l-ħsieb kritiku permezz tal-edukazzjoni u t-taħriġ; ifakkar fl-impenn eżistenti f'dan il-qasam, deskritt fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2016; jistieden, f'dan il-kuntest, lill-Kummissjoni tikkoordina żviluppi ta' politika fil-livell tal-UE fil-qasam tal-litteriżmu medjatiku bil-għan li jinxterdu għarfien aġġornat u l-aħjar prattiki f'dan il-qasam; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw miżuri speċifiċi sabiex jippromwovu u jappoġġaw il-proġetti tal-litteriżmu medjatiku u diġitali, bħall-proġett pilota dwar il-Litteriżmu Medjatiku għal Kulħadd, u biex jiżviluppaw strateġija komprensiva dwar il-politika tal-kompetenza diġitali, b'enfasi partikolari fuq l-edukazzjoni fl-iskola;

87. Jinkoraġġixxi lill-Istati Membri jiżguraw opportunitajiet biex jiżviluppaw kompetenzi ewlenin sabiex iżommu u jakkwistaw ħiliet filwaqt li tingħata attenzjoni speċjali lil ħiliet bażiċi, dixxiplini STEAM, kompetenzi lingwistiċi, ħiliet intraprenditorjali, kompetenzi diġitali, kreattività, ħsieb kritiku u xogħol f'tim; Jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiffaċilitaw l-użu tal-Qafas tal-Kompetenzi Ewlenin tal-UE fl-ambjenti edukattivi kollha u biex jippermettu l-applikazzjoni tiegħu għat-tagħlim formali, mhux formali u informali, u b'hekk jiġi mmassimizzat il-potenzjal tiegħu bħala għodda kruċjali għat-tagħlim tul il-ħajja;

88. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jqajmu kuxjenza pubblika dwar it-tagħlim tul il-ħajja u jintegraw perspettiva tal-ġeneru fl-iżvilupp ta' politiki u programmi rilevanti, b'enfasi partikolari fuq in-nisa b'livelli baxxi ta' edukazzjoni, kemm f'żoni urbani kif ukoll rurali, biex dawn jingħataw opportunitajiet li jtejbu l-ħiliet tagħhom;

89. Jappoġġa l-parametru referenzjarjumiżjud tal-UE għall-parteċipazzjoni fit-tagħlim tul il-ħajja; jistieden, f'dan ir-rigward, lill-Kummissjoni biex tipproponi rakkomandazzjonijiet bil-ħsieb li dan l-għan ambizzjuż jinkiseb; iħeġġeġ enfasi ikbar fuq it-tagħlim tul il-ħajja fil-livelli kollha tal-edukazzjoni; jenfasizza, f'dan il-kuntest, ir-rwol tal-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja fir-realizzazzjoni ta' strateġija ta' tagħlim tul il-ħajja, fl-edukazzjoni ta' persuni attivi professjonalment, fl-iżvilupp ta' kompetenzi u fil-formazzjoni ta' kultura tat-tagħlim għal persuni ta' kull età u bi sfondi differenti;

**It-Tlieta 12 ta' Ġunju 2018**

90. Jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni tappoġġa lill-Istati Membri fl-iżvilupp, il-promozzjoni u t-tisħiħ ta' programmi ta' taħriġ u ta' edukazzjoni li jiffaċilitaw it-tagħlim tal-adulti u l-inklużjoni attiva tagħhom fis-sistema edukattiva; ifakkar li t-tagħlim u l-edukazzjoni tal-adulti għandhom jipprovdu varjetà ta' toroq ta' tagħlim u opportunitajiet flessibbli ta' tagħlim, inkluż appoġġ lill-persuni biex iġestixxu t-toroq tagħhom ta' tagħlim tul il-ħajja, programmi li jagħtu ċans ieħor lill-persuni li qatt ma marru skola, dawk li telqu mill-iskola qabel iż-żmien u dawk li ħarġu mill-iskola; jitlob lill-Kummissjoni timplimenta l-impenji bħal Garanzija ta' Ħiliet kif stipulat fl-Aġenda Ġdida għall-Ħiliet għall-Ewropa u taġixxi biex jitjiebu l-opportunitajiet ta' impjieg tal-adulti bi ftit ħiliet fl-UE;

91. Jistieden lill-Istati Membri jiżviluppaw proġetti interġenerazzjonali biex jiffaċilitaw il-fehim tal-isfidi li jiffaċċjaw l-anzjani u jipprovdulhom ukoll opportunitajiet biex jaqsmu l-ħiliet, l-għarfien u l-esperjenza tagħhom;

92. Iħeġġeġ l-iżvilupp ta' sinerġiji u kollaborazzjonijiet bejn it-tagħlim formali, mhux formali u informali; jilqa' l-progress li sar f'dawn l-aħħar snin lejn l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali sal-2018; jistieden madankollu lill-Istati Membri jkomplu lil hinn mill-2018 bl-isforzi tagħhom biex isaħħu ulterjorment l-implimentazzjoni ta' dawk ir-rakkomandazzjoni, u biex jistabbilixxu oqfsa ġuridiċi rilevanti u joħolqu strateġiji komprensivi ta' validazzjoni sabiex jippermettu l-validazzjoni; jenfasizza li r-rikonoxximent tat-tagħlim informali u mhux formali, inkluż permezz ta' korsijiet online b'xejn, huwa ċentrali għall-idea li l-edukazzjoni tinfetaħ għal dawk aktar żvantaġġati;

93. Jenfasizza r-rwol ewlieni tal-ġenituri bħala parti mit-trijangolu tal-edukazzjoni fl-appoġġ tat-tagħlim tat-tfal; jissottolinja l-benefiċċji tal-involviment tal-ġenituri fl-edukazzjoni tat-tfal għas-suċċess akbar tal-istudent, għall-benesseri tal-istudenti u l-iżvilupp tal-iskejjel;

94. Jitlob lill-Kummissjoni tappoġġa inizjattivi transfruntiera f'tagħlim miftuħ online;

95. Jenfasizza li l-kwalità tal-edukazzjoni għandha titkejjel f'termini tal-grad li jkun laħaq l-istudent, u mhux biss l-għarfien u l-kompetenzi tiegħu, iżda wkoll il-kapaċità li jkompli jsegwi u jiżviluppa t-tagħlim tul il-ħajja u l-isforzi kreattivi tiegħu;

96. Jappoġġa lill-Kummissjoni fil-ħolqien ta' tabella ta' valutazzjoni biex tappoġġa l-iżvilupp ta' kompetenzi ewlenin kif ukoll edukazzjoni, tagħlim u t-taħriġ ibbażati fuq il-kompetenza;

97. Jistieden lill-Istati Membri jiġġieldu l-istereotipi tas-sessi fl-edukazzjoni biex jiġi żgurat li n-nisa jkollhom l-istess opportunitajiet u libertà ta' għażla fir-rigward tal-karriera li jixtiequ; huwa mħasseb, f'dan il-kuntest, dwar l-istereotipi li għadhom jeżistu f'materjal tat-tagħlim f'xi Stati Membri u l-aspettattivi differenti tal-għalliema fir-rigward tal-imġiba tal-bniet u s-subien; jiġbed l-attenzjoni dwar il-bżonn li jiġi inkorporat il-prinċipju tal-ugwaljanza bejn is-sessi kemm fit-taħriġ inizjali u kontinwu tal-għalliema, kif ukoll fil-prattiki ta' tagħlim, sabiex jiġi eliminat kwalunkwe ostakolu li jimpedixxi lill-istudenti milli jilħqu l-potenzjal sħiħ tagħhom irrispettivament mill-ġeneru; jistieden lill-Istati Membri biex, meta jimplimentaw l-ugwaljanza bejn is-sessi fil-kurrikuli u s-sillabi tas-sistemi edukattivi reġjonali, jagħtu attenzjoni speċjali lir-reġjuni ultraperiferiċi, filwaqt li jieħdu kont tar-rati għolja ta' vjolenza kontra n-nisa rreġistrati f'dawk ir-reġjuni; jenfasizza li s-sistemi edukattivi fil-livelli kollha jeħtieġ li jinkludu perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi u jieħdu kont tal-ħtiġijiet tal-persuni li jbatu minn diskriminazzjoni;

98. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jippromwovu l-prinċipji tal-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni fl-istituzzjonijiet edukattivi, kemm jekk dan ikun permezz ta' tagħlim formali kif ukoll informali;

99. Jirrakkomanda lill-Kummissjoni u/jew lill-Istati Membri l-ħolqien u l-promozzjoni ta' premju Ewropew/nazzjonali fuq it-tema tal-ugwaljanza bejn is-sessi fl-istituzzjonijiet edukattivi, bl-għan li titħeġġeġ l-aħjar prattika;

100. Jenfasizza li l-edukazzjoni hija għodda ewlenija għall-inklużjoni soċjali u għat-titjib tal-livelli ta' ħiliet u l-kwalifiki fost il-migranti u r-rifuġjati, kemm minorenni kif ukoll adulti; iħeġġeġ, f'dan il-kuntest, l-iskambju tal-aħjar prattiki dwar l-integrazzjoni permezz tal-edukazzjoni u l-qsim ta' valuri komuni, it-titjib u l-iffaċilitar tar-rikonoxximent ta' diplomi u kwalifiki, l-għoti ta' boroż ta' studju u l-istabbiliment ta' sħubiji ma' universitajiet fil-pajjiżi ta' oriġini, kif ukoll il-bini fuq l-esperjenza siewja tal-Kurituri tal-Edukazzjoni;

101. Jenfasizza li għandhom isiru sforzi akbar biex jiġi żgurat l-aċċess għall-edukazzjoni u t-taħriġ fil-livelli kollha għal studenti minn minoranzi awtoktoni u biex jappoġġaw istituzzjonijiet edukattivi li jipprovdu servizzi fl-ilsien nattiv ta' minoranzi awtoktoni etniċi jew lingwistiċi; jistieden lill-Kummissjoni biex issaħħaħ il-promozzjoni ta' programmi ffukati fuq l-iskambju tal-esperjenzi u l-aħjar prattiki dwar l-edukazzjoni f'lingwi reġjonali u ta' minoranza fl-Ewropa; iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jiffaċilitaw l-iżvilupp ta' tagħlim bl-ilsien nattiv tal-istudenti u l-istudenti;

**It-Tlieta 12 ta' Ġunju 2018**

102. Iheġġeġ lill-Istati Membri jżidu l-livell ta' kompetenzi lingwistiċi permezz tal-użu ta' prattiki tajbin, bħall-kisba tal-ewwel ċertifikat f'lingwa barranija taħt ċerta età mogħti mill-istat;

103. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jistabbilixxu sistema ta' għotjiet innovattivi u flessibbli għat-trawwim tal-ħiliet artistiċi u sportivi fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ; jappoġġa lill-Istati Membri li qed ifittxu li jintroduċu skemi ta' boroż ta' studju għall-istudenti b'kapaċitajiet ippruvati fil-qasam edukattiv, sportiv u artistiku;

104. Jilqa', f'dan ir-rigward, il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar aġenda ġdida għall-ħiliet għall-Ewropa (COM(2016)0381), li tipproponi soluzzjonijiet għan-nuqqas ta' tlaqqigħ tal-ħiliet u għan-nuqqas ta' ħiliet u bħala mezz għas-sejba tas-sistema t-tajba tar-rikonoxximent tal-ħiliet; iheġġeġ lill-Istati Membri, f'dan il-kuntest, jistabbilixxu sistemi b'alternanza ta' kwalità ta' edukazzjoni (li għandhom valur kbir f'termini ta' olistiku għall-iżvilupp personali u l-iżvilupp tal-ħiliet għat-tagħlim tul il-ħajja) u taħriġ vokazzjonali b'koordinazzjoni mal-atturi lokali u reġjonali, u skont in-natura speċifika ta' kull sistema edukattiva; jieħu nota, f'dan il-kuntest, tal-importanza tal-provvediment ta' toroq flessibbli bejn tipi differenti ta' edukazzjoni, u l-vantaġġi u l-attraenza dejjem akbar tas-sistema ETV ibrida li tikkombina b'mod ugwali toroq ibbażati fuq skola u toroq ibbażati fuq xogħol;

105. Jirrakkomanda li l-gwida edukattiva għandha tissaħħaħ bħala għodda vitali li tħaddan diversi sistemi edukattivi b'mod flessibbli filwaqt li tarrikkixxi u taġġorna l-għarfien u l-ħiliet;

106. Jappoġġa u jinkoraġġixxi gwida edukattiva u vokazzjonali bħala kompitu edukattiv vitali għall-iżvilupp individwali u soċjali tal-ġenerazzjonijiet żgħażagħ;

107. Huwa tal-fehma li l-intraprenditorija hija xprun għat-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi u tikkostitwixxi wkoll mezz biex l-ekonomiji jsiru aktar kompetittivi u innovattivi, u dan jikkontribwixxi għall-emanċipazzjoni tan-nisa;

108. Jenfasizza li l-imprenditorija soċjali hija qasam li qed jikber li jista' jagħti spinta lill-ekonomija filwaqt li fl-istess ħin itaffi l-privazzjoni, l-esklużjoni soċjali u problemi soċjetali oħra; iqis, għaldaqstant, li l-edukazzjoni intraprenditorjali għandha tinkludi dimensjoni soċjali, u għandha tindirizza suġġetti bħall-kummerċ ġust, l-intrapriżi soċjali, responsabbiltà soċjali tal-intrapriżi u mudelli ta' negozju alternattivi, bħall-kooperattivi, sabiex isir sforz biex tinkiseb ekonomija aktar soċjali, inklużiva u sostenibbli;

109. Jistieden lill-Istati Membri jiffokaw fuq l-edukazzjoni intraprenditorjali u finanzjarja, il-volontarjat u l-għarfien ta' lingwi barranin fl-edukazzjoni u jagħtu prijorità wkoll lil dawn il-ħiliet fl-ETV;

110. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu l-opportunitajiet ta' impjieg konkreti assoċjati mal-edukazzjoni ETV u r-rilevanza tagħha fis-suq tax-xogħol;

111. Jistieden lill-Istati Membri jiżviluppaw gwida għall-karriera li tiffaċilita l-identifikazzjoni tal-kapaċitajiet u l-predispożizzjonijiet tal-istudenti fil-livelli kollha, u ssaħħaħ il-proċess ta' tagħlim personalizzat;

112. Jenfasizza ċ-ċirkostanzi edukattivi speċjali tat-tfal u l-adolexxenti li l-ġenituri tagħhom jivvjaġġaw fl-Ewropa għal raġunijiet ta' xogħol, u jistieden lill-Kummissjoni twettaq studju sabiex tenfasizza s-sitwazzjoni speċifika tagħhom fir-rigward tal-isfidi li jħabbtu wiċċhom magħhom fir-rigward tal-edukazzjoni ta' qabel l-iskola u tal-iskola;

113. Jirrakkomanda li l-Kummissjoni, waqt li taġixxi skont l-Artikolu 349 tat-TFUE, iżżid l-appoġġ lill-Istati Membri li għandhom reġjuni ultraperiferiċi, bil-għan li jitjiebu s-sistemi edukattivi tagħhom fil-livelli kollha tal-edukazzjoni;

114. Iheġġeġ lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet reġjonali jivvalutaw u jissorveljaw regolarment r-rilevanza ta'-politiki, strateġiji u programmi edukattivi, ukoll billi jqisu l-feedback minn għalliema u studenti, sabiex jiżguraw li s-sistemi edukattivi jkomplu jindirizzaw il-ħtiġijiet li qed jinbidlu u s-sitwazzjoni soċjoekonomika li qed tevolvi kontinwament tal-pajjiż ikkonċernat; jirrakkomanda li jissaħħu r-rabtiet bejn il-politika tal-edukazzjoni u politiki oħra biex jitrawmu u jiġu vvalutati l-effiċjenza u l-prestazzjoni tar-riformi edukattivi;

115. Itenni l-importanza tal-monitoraġġ tal-prestazzjoni u tal-valutazzjonijiet tal-impatt tal-programmi tal-UE li għandhom l-impjieg taż-żgħażagħ fil-mira; jenfasizza l-importanza ta' investiment effettiv u sostenibbli;

116. Japprezza l-attivitajiet tal-Kummissjoni fil-qasam tal-modernizzazzjoni tas-sistemi tal-edukazzjoni, u f'dan il-kuntest, jistieden lill-Istati Membri biex ikunu aktar involuti u impenjati biex jimplimentaw it-titjib propost;

**It-Tlieta 12 ta' Ġunju 2018**

117. Iħeġġeġ lill-Istati Membri biex, b'kollaborazzjoni mal-Kummissjoni, jappoġġaw lill-istituzzjonijiet edukattivi fl-immodernizzar tal-proċessi ta' riforma billi jassenjaw punti ta' kuntatt speċjalizzati fil-livell nazzjonali u/jew reġjonali biex jipprovdu informazzjoni rilevanti, gwida u assistenza;

118. Itenni l-ħtieġa li jinħolqu ambjenti ta' tagħlim ibbażati fuq id-drittijiet u li jkunu sensittivi għall-ġeneru biex l-istudenti jkunu jistgħu jitgħallmu dwar id-drittijiet tal-bniedem u jiddefenduhom, inklużi d-drittijiet tan-nisa u t-tfal, il-valuri fundamentali u l-parteċipazzjoni ċivika, id-drittijiet u r-responsabbiltajiet taċ-ċittadini, id-demokrazija u l-istat tad-dritt, billi jkunu kunfidenti fl-identità tagħhom, billi jkunu konxji tal-fatt li leħinhom jinstema' u jħossuhom apprezzati mill-komunitajiet tagħhom;

*Edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal (ECEC)*

119. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw aċċess bla ħlas u ġust għal ECEC ta' kwalità għolja, u jħeġġiġhom biex jieħdu l-miżuri neċessarji biex jiżguraw li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet materjali u finanzjarji biex it-tfal kollha jkollhom aċċess għall-edukazzjoni bikrija tat-tfal mingħajr diskriminazzjoni, u biex jipprovdu aktar postijiet ta' nursery u kindergarten u għat-tfal;

120. Jistieden lill-Kummissjoni tqis l-istabbiliment ta' qafas Ewropew komuni għall-ECEC, billi tibni fuq il-prinċipji proposti fil-Qafas tal-Kwalità; jappoġġa l-istabbiliment ta' punt ta' riferiment Ewropew għall-kwalità tal-ECEC li għandu jiġi mfassal f'kooperazzjoni mal-għalliema u l-professjonisti tas-settur, u skont indikaturi ta' kwalità nazzjonali jew reġjonali;

121. Jemmen li l-Istati Membri għandhom jagħmlu aktar sforzi biex jinkoraġġixxu lill-korpi governattivi tal-istituzzjonijiet tal-ECEC biex jinvestigaw il-possibbiltà li jwettqu proġetti madwar l-Ewropa kollha; jinnota li l-professjonisti jistgħu, b'dan il-mod, ikunu kapaċi jsegwu tal-innovazzjonijiet fit-tagħlim u jagħmlu l-edukazzjoni ta' qabel l-iskola aktar sinifikanti;

122. Isostni li l-istituzzjonijiet fl-ewwel snin tat-tfulija m'għandhomx jiġu esklużi minn Żona Ewropea tal-Edukazzjoni; iqis li dawn l-istituzzjonijiet għandhom bl-istess mod jippromwovu l-iskambju tal-għarfien fost l-Istati Membri, speċjalment għall-finijiet tal-qsim ta' informazzjoni meta jimplimentaw proġetti innovattivi;

123. Jirrakkomanda li tiżdied il-kooperazzjoni bejn il-persunal tal-ECEC u l-għalliema tal-iskejjel ta' qabel il-primarja biex tittejjeb il-kwalità tal-edukazzjoni u l-konnessjonijiet bejn il-livelli tal-edukazzjoni, biex l-istudenti tal-iskejjel ta' qabel il-primarja jiġu mħejjija għat-tranżizzjoni lejn l-iskola primarja u biex issir enfasi fuq l-iżvilupp tat-tfal; jenfasizza l-importanza tar-relazzjonijiet bejn il-fornituri tal-ECEC u l-ġenituri tat-tfal u t-tuturi, bejn il-persunal u t-tfal tal-iskola, u fost it-tfal infushom;

124. Jinkoraġġixxi lill-Istati Membri jżidu l-finanzjament għall-ECEC kif ukoll l-appoġġ u l-inizjattivi ekonomiċi (bħal pereżempju tnaqqis tat-taxxi, sussidji jew tneħħija tat-tariffi) għall-ġenituri u l-gwardjani, speċjalment dawk minn sfondi soċjoekonomikament żvantaġġati, sabiex ikunu jistgħu jużaw is-servizzi tal-ECEC u jiġu inkoraġġiti jużawhom;

125. Jistieden lill-Istati Membri jkomplu jinvestu fil-persunal sabiex jattiraw aktar nies biex isegwu l-karriera rilevanti u b'hekk jiżguraw id-disponibbiltà ta' persunal bi kwalifiki għolja għall-ECEC;

126. Jistieden lill-Istati Membri jirriformaw u jtejbu s-sistemi tagħhom bl-għan li jintlaħqu l-objettivi ta' Barċellona li jkun hemm mill-inqas 33 % tat-tfal taħt it-tliet snin li jipparteċipaw fi programmi ECEC;

*Edukazzjoni fl-iskola*

127. Jirrakkomanda l-implimentazzjoni ta' "approċċ għal skola sħiħa" sabiex jiżdiedu l-inklużjoni soċjali, l-aċċessibilità, il-governanza demokratika, il-kwalità u d-diversità fl-edukazzjoni, kif ukoll biex jiġu indirizzati t-tluq bikri mill-iskola u l-kwistjoni tan-NEETs, filwaqt li jinżamm l-għan li r-riżultati tat-tagħlim u l-ħtiġijiet, il-benesseri u l-involviment tal-istudenti fil-ħajja tal-iskola jitpoġġew fil-qalba ta' kull attività; huwa favur il-promozzjoni u l-appoġġ ta' strutturi demokratiċi ta' rappreżentanti tal-istudenti tal-iskola;

128. Jenfasizza li l-għadd kbir ta' NEETs - kważi 6,3 miljun żagħżugħ u żagħżugħa bejn l-etajiet ta' 15 u 24 sena - jista' jitnaqqas billi jiġi prevenut it-tluq bikri mill-iskola, u billi l-iskejjel ikunu magħmula aktar prattiċi u konnessi mal-ambjent lokali tagħhom, kif ukoll billi jiġu żviluppati rabtiet ma' kumpaniji lokali, awtoritajiet lokali, istituzzjonijiet soċjali u NGOs; huwa tal-fehma li t-tluq bikri mill-iskola, li hu waħda mir-raġunijiet għalfejn iż-żgħażagħ sussegwentement isiru NEETs, jista' jiġi miġġieled billi jiġu indirizzati l-faqar u l-esklużjoni soċjali; jemmen li huwa importanti wkoll li l-istudenti jingħataw appoġġ biex isibu l-metodi tat-tagħlim tagħhom stess, inklużi korsijiet fuq l-internet u tagħlim imħallat; jilqa' l-implimentazzjoni ta' kurrikula rilevanti u impenjattivi u ta' sistemi ta' gwida sodi u żviluppati sew, b'servizzi ta' counselling u gwida ta' kwalità għall-istudenti kollha;

**It-Tlieta 12 ta’ Ġunju 2018**

129. Jenfasizza l-ħtieġa li jissaħħu l-opportunitajiet u l-istrutturi għall-kollaborazzjoni interna u esterna fil-livell tal-iskejjel, inklużi l-kooperazzjoni interdixxiplinari, it-tagħlim f’tim, ir-raggruppamenti tal-iskejjel u l-interazzjonijiet ma’ atturi involuti fit-tfassil u l-implimentazzjoni ta’ perkorsi tat-tagħlim; jinnota l-importanza ta’ skambji internazzjonali u sħubijiet bejn l-iskejjel permezz ta’ programmi bħal Erasmus+ u e-Twinning;

130. Jenfasizza li l-edukazzjoni fl-iskejjel għandha wkoll issir aktar flessibbli sabiex ittejjeb ir-rispons għaċ-ċirkostanzi reali tal-ħajja tal-istudenti, pereżempju permezz ta’ żieda fl-użu ta’ servizzi online, sabiex, pereżempju, opportunitajiet ta’ tagħlim imħallat ikunu jistgħu jittejbu wkoll;

131. Jemmen li iktar ma l-persuni jiksbu ħiliet STEAM kmieni, aktar jiżdiedu l-possibilitajiet tagħhom ta’ suċċess edukattiv u professjonali; għalhekk, jinkoraġġixxi aktar inizjattivi STEAM fil-livell tal-iskejjel, u fl-istess ħin, il-promozzjoni tax-xjenzi umani u soċjali, permezz ta’ kooperazzjoni msaħħa u differenzjata ma’ istituzzjonijiet ta’ edukazzjoni għolja u tar-riċerka xjentifika, fost mezzi oħra;

132. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tappoġġa l-iżvilupp fost iż-żgħażagħ Ewropej ta’ ħiliet lingwistiċi f’ambjenti edukattivi formali u mhux formali billi jiġu żviluppati pedagoġiji multilingwi innovattivi, il-qsim tal-aħjar prattiki ta’ pedagoġija multilingwi, u jiġu msaħħa l-kompetenzi lingwistiċi tal-għalliema;

133. Jinkoraġġixxi lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jappoġġaw inizjattivi eżistenti u jiżviluppaw u jimplimentaw politiki totalment komprensivi dwar edukazzjoni u strateġiji inklużivi mmirati lejn ħtiġijiet speċifiċi, il-promozzjoni tad-drittijiet tal-aktar gruppi vulnerabbli, bil-ħolqien ta’ ambjenti ta’ tagħlim iktar inklużivi u t-tisħiħ tal-ftuħ u tal-impenn; jistieden lill-Kummissjoni biex, flimkien mal-Aġenzija Ewropea għall-Bżonnijiet Speċjali u l-Edukazzjoni Inklużiva, tiżviluppa metodi innovattivi u għodod edukattivi biex trawwem l-inklużjoni u tissodisfa l-ħtiġijiet ta’ studenti individwali;

134. Jirrakkomanda li l-Istati Membri jintegraw it-tagħlim dwar l-UE fil-kurrikuli tal-iskejjel sekondarji tagħhom, sabiex l-istudenti jiffamiljarizzaw ruħhom mal-funzjonament tal-Unjoni, l-istorja tagħha u l-valuri taċ-ċittadinanza Ewropea;

135. Jenfasizza l-importanza li jiġi inkluż u promoss fil-kurrikuli skolastiċi u l-kontenut edukattiv għarfien dwar l-istorja tal-emanċipazzjoni tan-nisa, u b’mod partikolari d-dritt tal-vot għan-nisa, inkluż fl-okkażjoni tal-anniversarji simboliċi (eż. l-2018 bħala l-100 anniversarju minn meta n-nisa ħadu d-dritt li jivvutaw fil-Polonja u l-Ġermanja) sabiex jiżdied l-għarfien bil-ħsieb li jiġu promossi d-drittijiet tan-nisa fi ħdan qafas edukattiv;

136. Jenfasizza l-importanza tal-edukazzjoni dwar is-saħħa u r-relazzjonijiet, li jeħtieġ tinkludi t-tagħlim lit-tfal u ż-żgħażagħ dwar relazzjonijiet ibbażati fuq l-ugwaljanza, il-kunsens, ir-rispett u r-reċiproċità, kif ukoll it-tagħlim dwar d-drittijiet tan-nisa u l-bniet, inklużi s-saħħa u d-drittijiet riproduttivi u sesswali, bħala għodda biex jiġu miġġielda l-istereotipi u tiġi pprevenuta l-vjolenza sessista u l-promozzjoni tal-benesseri;

137. Iħeġġeġ taħriġ tas-Salib l-Aħmar fl-iskejjel għall-istudenti, l-għalliema u l-persunal li ma jgħallimx, biex jingħata kontribut għat-tagħlim ta’ ħiliet essenzjali tal-ewwel għajnuna u biex wieħed ikun kapaċi jaġixxi f’każ ta’ emerġenza;

138. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw skema pilota biex jappoġġaw skambji ta’ studenti sekondarji li taħthom iqattgħu tal-anqas nofs is-sena akkademika fi Stat Membru ieħor;

139. Jistieden lill-Istati Membri jillimitaw sal-minimu meħtieġ l-użu ta’ testijiet standardizzati bħala strumenti biex jiġi vvalutat il-livell tal-għarfien u l-ħiliet miksuba;

140. Jinkoraġġixxi lill-Istati Membri jikkunsidraw l-adozzjoni ta’ miżuri li jiżguraw ir-rikonoxximent ta’ perjodi ta’ studju barra mill-pajjiż li ma jirriżultawx f’diploma jew kwalifika; jistieden, f’dan ir-rigward, lill-Kummissjoni tipproponi linji gwida għar-rikonoxximent ta’ perjodi ta’ studju barra mill-pajjiż, filwaqt li tqis l-aħjar prattiki eżistenti tal-Istati Membri, il-prinċipju tal-apprezzament reċiproku bejn is-sistemi edukattivi, u l-approċċ ibbażat fuq kompetenzi bażiċi, kif ukoll l-ispeċifiċitajiet ta’ sistemi tal-edukazzjoni u kulturi nazzjonali;

141. Jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet reġjonali jindirizzaw il-kwistjonijiet tal-bullying, il-bullying ċibernetiku, il-fastidju, id-dipendenza u l-vjolenza billi, fil-livell tal-iskejjel u b’kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati kollha (b’mod partikolari l-għalliema, l-assoċjazzjonijiet tal-ġenituri u l-NGOs speċjalisti), jiżviluppaw programmi ta’ prevenzjoni u kampanji ta’ sensibilizzazzjoni favur l-inklużjoni;

142. Jirrakkomanda li l-Istati Membri, l-istituzzjonijiet edukattivi tagħhom u l-Kummissjoni jimpenjaw ruħhom b'mod aktar attiv fil-promozzjoni tal-prattika tal-isport fost l-istudenti;

*Edukazzjoni għolja*

143. Jitlob il-ħolqien ta' Żona Ewropea tal-Edukazzjoni abbażi tal-potenzjal tal-oqfsa eżistenti, eż. iż-Żona Ewropea tar-Riċerka, l-Unjoni ta' Innovazzjoni, iż-Żona Ewropea ta' Edukazzjoni Għolja, b'tali mod li jsaħħu u jikkomplementaw lil xulxin;

144. Jinkoraġġixxi lill-Istati Membri jinvestu tal-inqas 2 % tal-PDG rispettiv tagħhom fl-edukazzjoni għolja u biex jikkonformaw mal-punt ta' riferiment tal-UE tal-investiment ta' 3 % tal-PDG tal-Unjoni fir-R&Ż sal-2020;

145. Jistieden lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet reġjonali biex, meta jkunu qed jagħmlu użu mir-riżorsi nazzjonali u reġjonali u jallokaw fondi strutturali u ta' investiment Ewropej, jagħtu prijorità lil programmi edukattivi ulit-trawwim ta' kooperazzjoni bejn l-edukazzjoni għolja, id-dinja tax-xogħol, l-industrija, il-komunitajiet ta' riċerka u s-soċjetà kollha kemm hi;

146. Jistieden lill-Istati Membri jrawmu mobilità aktar inklużiva u aċċessibbli tal-istudenti, l-apprendisti, l-għalliema apprendisti, ir-riċerkaturi u l-persunal amministrattiv, peress li dan jikkontribwixxi kemm għall-iżvilupp personali u professjonali tagħhom kif ukoll għal kwalità ogħla tat-tagħlim mill-għalliema, tat-tagħlim mill-istudenti, tar-riċerka u tal-amministrazzjoni; jappoġġa l-iffaċilitar ta' mobilità għal kulħadd, fost miżuri oħrajn permezz ta' rikonoxximent bla xkiel ta' krediti u kwalifiki akkademiċi u professjonali miksuba barra mill-pajjiż, finanzjament adegwat u assistenza personali, garanziji ta' drittijiet soċjali u, fejn xieraq, l-inkorporazzjoni ta' mobilità edukattiva bħala parti minn programmi edukattivi; jinnota, f'dan ir-rigward, l-inizjattivi l-ġodda tal-Kummissjoni, inkluża l-eCard biex tiffaċilita l-mobilità tal-istudenti bejn il-fruntieri;

147. Huwa tal-fehma li l-finanzjament għall-mobilità tal-persunal tal-għalliema u tar-riċerkaturi jeħtieġ li jiżdied billi jiġu previsti għotjiet għall-istudju/għar-riċerka minbarra r-rimborż tal-ispejjeż, l-estensjoni tat-tul ta' soġġorni barra mill-pajjiż, is-simplifikazzjoni tal-proċeduri ta' awtorizzazzjoni u l-promozzjoni ta' forom ta' tutoraġġ konġunt għalliem/riċerkatur;

148. Jistieden lill-Kummissjoni tinkoraġġixxi lill-Istati Membri jagħtu spinta lill-mobilità fl-edukazzjoni tal-adulti, kif diġà previst fil-programm Erasmus+;

149. Jenfasizza l-importanza li jiġu garantiti r-rikonoxximent transfruntier reċiproku u l-kompatibbiltà tal-kwalifiki u l-lawrji akkademċi għat-tisħiħ tas-sistema tal-assigurazzjoni tal-kwalità fil-livell tal-UE u fil-pajjiżi kollha li ssieħbu fiż-Żona Ewropea ta' Edukazzjoni Għolja;

150. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu żviluppati strateġiji komprensivi u għodod xierqa biex tiġi determinata l-kwalità ta' modi ġodda ta' tagħlim, pereżempju tagħlim elettroniku, korsijiet online miftuħa massivi (MOOCs) u riżorsi b'aċċess miftuħ; jirrikonoxxi, f'dan il-kuntest, ir-rwol tal-Assoċjazzjoni Ewropea għall-Garanzija ta' Kwalità fl-Edukazzjoni Għolja (ENQA) u netwerks Ewropej oħra rilevanti fil-kontribut għall-istabbiliment ta' assigurazzjoni tal-kwalità;

151. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu l-aġenda mġedda tal-UE għall-edukazzjoni għolja fost il-HEIs, l-awtoritajiet reġjonali u lokali u l-impjegaturi, bil-għan li jiġu indirizzati l-ħtiġijiet u l-isfidi tal-HEIs u tal-istudenti, jinħolqu rabtiet mal-atturi lokali u reġjonali, jintlaħqu l-komunitajiet lokali, jitrawmu l-iżvilupp u l-innovazzjoni lokali u reġjonali, jinbnew sistemi ta' edukazzjoni għolja inklużivi u konnessi, tissaħħaħ il-kollaborazzjoni mad-dinja tax-xogħol u jiġu indirizzati l-ħtiġijiet tar-reġjuni f'termini ta' ħiliet; jinkoraġġixxi barra minn hekk lill-HEIs biex ikunu aktar involuti fl-iżvilupp lokali u reġjonali billi jipparteċipaw fi proġetti kooperattivi tal-komunità, fost azzjonijiet oħra;

152. Jitlob li jiġu ssodisfati l-impenji tal-Aġenda Ġdida għall-Ħiliet, inkluż l-appoġġ lill-Istati Membri biex iqiegħdu għad-dispożizzjoni iktar informazzjoni dwar kif il-gradwati jagħmlu progress fis-suq tax-xogħol; jilqa', f'dan il-kuntest, il-proposta biex tiġi stabbilita sistema ta' traċċar tal-gradwati Ewropej sal-2020; iqis li informazzjoni dwar it-traċċar tal-gradwati u ġbir ta' data preċiż u rilevanti (mhux biss fil-livell nazzjonali iżda wkoll fil-livell tal-UE) huma essenzjali għal assigurazzjoni tal-kwalità u għall-iżvilupp ta' edukazzjoni ta' kwalità;

153. Jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni żżid l-isforzi tagħha biex tnaqqas id-distakk fir-riċerka u l-innovazzjoni fost l-Istati Membri u r-reġjuni billi tipproponi inizjattivi ġodda fil-qafas tal-Azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie (MSCA), kif ukoll tappoġġa l-kombinazzjoni ta' attivitajiet ta' riċerka u tagħlim għall-benefiċjarji tal-MSCA li qed iħejju għal karriera akkademika;

154. Jissuġġerixxi li l-koalizzjoni EU STE(A)M tkun tinkludi firxa wiesgħa ta' suġġetti biex tħejji lill-istudenti jgħixu u jaħdmu f'kuntest ta' realtà li qed tinbidel b'mod dinamiku;

**It-Tlieta 12 ta' Ġunju 2018**

155. Jappoġġa l-għoti ta' krediti tal-Iskema Ewropea għall-Akkumulazzjoni u t-Trasferiment tal-Krediti (ECTS) lil studenti għal xogħol ta' volontarjat fil-komunità, bħala mezz biex jingħata kontribut lill-iżvilupp professjonali u personali tal-istudenti;

156. Jenfasizza li l-programmi ta' kooperazzjoni internazzjonali, id-diplomazija kulturali u d-djalogi ta' politika ma' pajjiżi terzi fil-qasam tal-edukazzjoni għolja mhux biss jippermettu li l-għarfien jasal aktar liberament, iżda jikkontribwixxu wkoll għat-tisħiħ tal-kwalità u r-reputazzjoni internazzjonali tal-edukazzjoni għolja Ewropea, filwaqt li jagħtu spinta lir-riċerka u l-innovazzjoni, irawmu l-mobilità u d-djalogu interkulturali, u jippromwovu l-iżvilupp internazzjonali f'konformità mal-objettivi tal-azzjoni esterna tal-UE;

157. Huwa tal-fehma li sistemi tal-edukazzjoni validi għall-futur għandhom jinkludu tagħlim għas-sostenibbiltà u l-bini tal-paċi u għandhom ikunu parti minn riflessjoni usa' dwar il-litteriżmu okkupazzjonali fil-kuntest ta' diġitalizzazzjoni u robotizzazzjoni dejjem akbar tas-soċjetajiet Ewropej, filwaqt li jikkonċentraw mhux biss fuq it-tkabbir ekonomiku iżda wkoll fuq l-iżvilupp personali, it-titjib tas-saħħa u l-benesseri tal-istudenti;

158. Jistieden lill-Istati Membri jippromwovu l-kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet edukattivi u d-dinja tax-xogħol sabiex l-istudenti jitħejjew aħjar biex jidħlu fis-suq tax-xogħol, kif ukoll biex jieħdu azzjoni dwar il-ħtieġa li jiġi indirizzat in-nuqqas ta' tlaqqigħ tal-ħiliet u n-nuqqas ta' ħiliet; iħeġġeġ, f'dan ir-rigward, l-inklużjoni ta' kollokamenti tax-xogħol rilevanti u ta' kwalità għolja, rikonoxxuti permezz ta' krediti ECTS, fi programmi tal-edukazzjoni għolja u skemi ETV, il-kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja, id-dinja tax-xogħol, is-settur tar-riċerka u l-atturi ekonomiċi lokali u reġjonali fil-ħolqien ta' sistemi doppji ta' edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali, gwida għall-karriera, apprendistati u wkoll taħriġ ibbażat fuq ir-realtà, li għandhom ikunu parti minn kurrikuli tal-edukazzjoni għolja u vokazzjonali; jitlob ukoll li l-Istati Membri jieħdu miżuri biex jiżguraw id-dritt ta' kull żagħżugħ fl-UE li jiġi offrut impjieg, apprendistat, taħriġ addizzjonali jew xogħol u taħriġ ikkombinati;

159. Jemmen li biex ikun żgurat li jiġu offruti kollokamenti f'apprendistati jew traineeship ta' kwalità, hija fundamentali l-eżistenza ta' kuntratti li jiddelinjaw ir-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-partijiet kollha u jispeċifikaw it-tul, l-objettivi tat-tagħlim u l-kompiti li jikkorrispondu għal ħiliet identifikati b'mod ċar li għandhom jiġu żviluppati, l-istatus tal-impjieg, kumpens/rimunerazzjoni adegwati, inkluż għas-sahra, protezzjoni soċjali u skemi ta' sigurtà skont il-liġi nazzjonali applikabbli, ftehimiet kollettivi applikabbli, jew it-tnejn li huma;

160. Jissottolinja l-ħtieġa li jiġu offruti kontenut xieraq ta' tagħlim u taħriġ, kif ukoll kundizzjonijiet tax-xogħol diċenti, għat-traineeships u għall-apprendistati, biex jiġi żgurat ir-rwol kruċjali tagħhom fit-tranżizzjoni mill-edukazzjoni għall-ħajja professjonali; jenfasizza li t-traineeships u l-apprendistati qatt m'għandhom jintużaw bħala sostituti għal impjiegi, u li t-trainees u l-apprendisti m'għandhomx jiġu trattati bħala fħaddiema irħas jew saħansitra ħaddiema mhux imħallsa;

161. Jissuġġerixxi li l-universitajiet u ċ-ċentri ta' taħriġ jipprovdu taħriġ bażiku u avvanzat għal għalliema tal-edukazzjoni vokazzjonali, b'kontributi minn esperti f'oqsma ta' ħidma li jikkorrispondu għal oqsma speċifiċi koperti minn korsijiet vokazzjonali;

*L-għalliem bħala garanti ta' tagħlim ta' kwalità*

162. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jappoġġaw lill-għalliema fl-inkorporazzjoni tal-innovazzjoni u t-teknoloġija fit-tagħlim permezz ta' tisħiħ tal-ħiliet diġitali tagħhom, kif ukoll tipprovdihom b'riżorsi u appoġġ rilevanti, pereżempju permezz tal-provvista ta' taħriġ aġġornat u l-iżvilupp ta' komunitajiet online u riżorsi u korsijiet edukattivi miftuħa;

163. Jappoġġa l-ħolqien tal-Akkademja tat-Tagħlim, bħala faċilità komplementari li tippermetti lill-għalliema jitħarrġu u jiskambjaw l-aħjar prattiki fil-livell Ewropew, billi jipprovdu ċentru għal skambju online, qsim ta' esperjenzi u tagħlim reċiproku, kif ukoll li jkun post għal laqgħat regolari fil-forma ta' sessjonijiet ta' ħidma, seminars u konferenzi għall-promozzjoni tal-kollaborazzjoni tal-għalliema, it-tisħiħ tal-kwalità tat-tagħlim u t-tisħiħ tal-iżvilupp professjonali tal-għalliema; jistieden lill-Kummissjoni tipproponi proġett dwar il-ħolqien ta' dan it-tip ta' akkademja, ibbażata wkoll fuq l-għarfien tal-European Schoolnet Academy;

164. Ifakkar fl-importanza ta' taħriġ pedagoġiku għall-persunal tat-tagħlim fil-HEIs u li l-kompetenzi pedagoġiċi jitqiesu tal-anqas bħala ugwalment importanti daqs il-kompetenzi ta' riċerka fil-proċess tar-reklutaġġ; jenfasizza r-rwol ta' edukazzjoni bbażata fuq ir-riċerka u tar-riċerka pedagoġika biex jiġi stimulat approċċ iċċentrat fuq l-istudent għat-tagħlim, biex jitħeġġeġ it-tagħlim attiv, jissaħħaħ l-iżvilupp tal-ħiliet u tittejjeb il-metodoloġija tat-tagħlim;

165. Jistieden lill-Istati Membri jintroduċu inċentivi biex jattiraw u jimmotivaw liż-żgħażagħ u lill-għalliema kwalifikati biex dawn jidħlu fis-sistema edukattiva u jaħdmu fiha;

166. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġi rikonoxxut l-istatus professjonali ta' impjegati tal-ECEC;

167. Jitlob appoġġ għal għalliema li jagħtu korsijiet multilingwi, billi dawn huma fattur importanti fl-internazzjonalizzazzjoni tal-edukazzjoni;

168. Jenfasizza r-rwol tat-tagħlim interkulturali bħala parti minn edukazzjoni tal-għalliema bil-għan li jissaħħu l-kompetenzi interkulturali tal-għalliema sabiex jiġu promossi l-kultura Ewropea u l-valuri komuni kif ukoll dimensjoni Ewropea tat-tagħlim; jinnota li l-kompetenzi interkulturali huma essenzjali biex wieħed jaħdem f'soċjetajiet dejjem aktar diversi, kif ukoll biex titrawwem l-internazzjonalizzazzjoni fil-livell tal-iskejjel;

169. Huwa konxju mill-ħtieġa li jinħolqu sinerġiji bejn l-għarfien tal-għalliema u l-potenzjal teknoloġiku tal-istudenti, sabiex jiġu massimizzati l-eżiti tat-tagħlim;

170. Jappoġġa l-inkorporazzjoni ta' kollokamenti ta' taħriġ tal-għalliema, iggwidati minn mentors professjonali, tul l-istudji kollha tal-edukazzjoni tal-għalliema;

171. Jinkoraġġixxi lill-għalliema u lill-mexxejja tal-iskejjel jippromwovu u jieħdu rwol minn ta' quddiem fl-implimentazzjoni tal-innovazzjoni fl-ambjent tal-iskola u jsaħħu l-iżvilupp tagħha;

172. Iħeġġeġ lill-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja biex jagħtu prijorità, jappoġġaw u jippremjaw it-titjib u l-aġġornament tal-għarfien pedagoġiku tal-għalliema u r-riċerkaturi tal-edukazzjoni għolja, inklużi l-possibiltajiet edukattivi offruti mit-teknoloġija moderna bħala mezz biex jissaħħu l-kisbiet tal-istudent u l-effikaċja tat-tagħlim;

173. Jappoġġa l-iżvilupp ta' tekniki tat-tagħlim u standards edukattivi ġodda, innovattivi u ambizzjużi sabiex jiġu indirizzati aħjar il-ħtiġijiet tal-istudenti u l-HEIs, kif ukoll l-isfidi ta' dinja li qed tinbidel b'mod rapidu;

o

o o

174. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.